**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2026/2666(RSP)**

29.06.2026

# EMENDI
# 201 - 377

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Lídia Pereira, Heléne Fritzon, Marie-Luce Brasier-Clain, Alexandr Vondra, Emma Wiesner, Pär Holmgren, Lynn Boylan, Anja Arndt**
(PE786.880v01-00)

Il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2026 f'Antalya, it-Turkija (COP31)

**Emenda 201**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21b. Jissottolinja li l-Istati Membri diġà jistgħu jieħdu azzjonijiet ambizzjużi biex inaqqsu l-impatt fuq l-unitajiet domestiċi tal-prezzijiet għoljin tal-karbonju fl-ETS2; jitlob li jissaħħu l-Faċilità tal-Frontloading u l-Fond Soċjali għall-Klima; jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment viġilanti dwar l-impatti li qed jevolvu tal-ETS2 b'mod partikolari fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli;*** |

Or. en

**Emenda 202**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21b. Jisħaq li ż-żamma tal-kompetittività tal-industrija tal-UE għandha tibqa' prijorità ewlenija u għandha timxi id f'id mal-ilħuq tal-objettivi klimatiċi, filwaqt li tiżgura provvista tal-enerġija affordabbli, sigura u affidabbli;*** |

Or. en

**Emenda 203**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***21c. Jinnota bi tħassib li s-sussidji fuq il-fjuwils fossili żdiedu f'dawn l-aħħar snin, bis-sussidji fuq il-fjuwils fossili espliċiti li ammontaw għal total ta' USD 730 biljun globalment fl-2024[1a] u li ġie osservat sehem sostanzjali ta' sussidji f'ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw; jesprimi dispjaċir għall-fatt li s-sussidji fuq l-enerġija fossili fl-UE baqgħu għoljin, b'EUR 111-il biljun fl-2023, minkejja tnaqqis mil-livelli tal-2022; ifakkar li s-sussidji fuq l-enerġija fossili importata jpoġġu piż fuq l-ekonomiji Ewropej u jfixklu l-inċentivi għal tranżizzjonijiet lejn enerġija nadifa; jissottolinja l-importanza li jitnaqqsu s-sussidji għall-fjuwils li jniġġsu l-aktar fil-livell internazzjonali u li jsir rapportar trasparenti ta' dawk is-sussidji; itenni l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplimentaw ir-rekwiżit fit-tmien EAP li "tiġi stabbilita data ta' skadenza għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili, konsistenti mal-ambizzjoni li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C"; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' progress mill-adozzjoni tal-programm fl-2022, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq il-pjan direzzjonali tagħha biex tnaqqas ulterjorment u telimina gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili, f'konformità mal-impenji klimatiċi tal-UE;*** |
| | ***[1a] Il-Fond Monetarju Internazzjonali, 2026, https://www.imf.org/en/topics/climate-change/energy-subsidies*** |
| | Or. en |

**Emenda 204**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21c. Jinsisti li s-simplifikazzjoni u l-aċċelerazzjoni tal-proċessi tal-akkwist pubbliku jridu jimxu id f'id mal-oġħla standards ta' trasparenza, integrità u obbligu ta' rendikont; jisħaq li mekkaniżmi ta' sorveljanza robusti jridu jinżammu u jissaħħu matul kwalunkwe proċess ta' riforma; jappella għal miżuri biex jiġi żgurat li l-investimenti klimatiċi ffinanzjati pubblikament ma jappoġġjawx b'mod involontarju l-ktajjen tal-provvista assoċjati mal-isfruttament tal-ħaddiema, id-dumping ambjentali jew il-prattiki kompetittivi inġusti; jissottolinja li l-fiduċja tal-pubbliku fl-azzjoni klimatika tiddependi mhux biss mill-ambizzjoni tal-għanijiet segwiti iżda wkoll mill-integrità tal-proċessi li permezz tagħhom jintużaw ir-riżorsi pubbliċi, u li t-trasparenza f'dan il-qasam mhijiex restrizzjoni burokratika iżda imperattiv demokratiku;*** |

Or. en

**Emenda 205**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21d (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21d. Jisħaq li l-kuntest ġeopolitiku attwali jissottolinja l-ħtieġa urġenti li tintemm id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili u li tiġi aċċelerata t-tranżazzjoni tal-enerġija; jinnota li l-azzjonijiet li jimmiraw biss il-prezz tal-fjuwils fossili jżidu d-dipendenza fuqhom, jirriskjaw li jaggravaw il-kriżijiet tal-prezzijiet xprunati mid-domanda u mill-provvista, u jiffinanzjaw pajjiżi li*** |

***jipproduċu l-fjuwils fossili li huma soġġetti għal sanzjonijiet tal-UE; jilqa' l-progress fil-qafas tar-REPowerEU u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jaġixxu aktar malajr;***

Or. en

**Emenda 206**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21e (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21e. Jistenna bil-ħerqa l-pjan ta' adattament għat-tibdil fil-klima tal-UE li ġej, inkluża azzjoni leġiżlattiva, kif xieraq, biex tiġi żgurata tħejjija koordinata tal-UE biex tiffaċċja r-riskji klimatiċi li qed jiżdiedu;*** |

Or. en

**Emenda 207**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21f (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21f. Jitlob li l-UE tkompli tinvestiga u tindirizza l-modi kif tikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima lil hinn mill-fruntieri tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21g (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21g. Jinnota li l-aċċelerazzjoni tat-tisħin globali osservata matul l-aħħar tliet snin tindika ħtieġa ta' azzjoni aċċelerata anke lil hinn mill-miri miftiehma, peress li dawk il-miri ġew adottati abbażi ta' tisħin globali aktar bil-mod milli huwa osservat bħalissa;*** |

Or. en

**Emenda 209**
**Danuše Nerudová**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja li l-kriżijiet tal-klima, tal-bijodiversità u tat-tniġġis huma interkonnessi u li r-risponsi għal kull waħda minnhom jeħtieġ li jkunu allinjati; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, approċċ li jirriżulta f'bosta benefiċċji kondiviżi; | 22. Jissottolinja li l-kriżijiet tal-klima, tal-bijodiversità u tat-tniġġis huma interkonnessi u li r-risponsi għal kull waħda minnhom jeħtieġ li jkunu allinjati; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, ***inklużi l-popolazzjonijiet tal-annimali selvaġġi,*** u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, approċċ li jirriżulta f'bosta benefiċċji kondiviżi; ***jisħaq li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, inklużi l-protezzjoni u r-restawr tal-foresti, l-artijiet mistagħdra u t-torbieri, iridu jiġu rikonoxxuti u integrati bis-sħiħ fl-istrateġiji klimatiċi bħala għodod kosteffettivi għall-mitigazzjoni u l-adattament, li jwasslu għal kobenefiċċji multipli għall-bijodiversità, il-komunitajiet u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima;*** |

Or. en

**Emenda 210**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja li l-kriżijiet tal-klima, tal-bijodiversità u tat-tniġġis huma interkonnessi u li r-risponsi għal kull waħda minnhom jeħtieġ li jkunu allinjati; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, approċċ li jirriżulta f'bosta benefiċċji kondiviżi; | 22. Jissottolinja li l-kriżijiet tal-klima, tal-bijodiversità u tat-tniġġis huma interkonnessi u li r-risponsi għal kull waħda minnhom jeħtieġ li jkunu allinjati; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, ***inkluż l-popolazzjonijiet tal-annimali selvaġġi,*** u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, approċċ li jirriżulta f'bosta benefiċċji kondiviżi***, bħall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih ibbażati fuq in-natura***; |

Or. en

**Emenda 211**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jissottolinja li l-kriżijiet tal-klima, tal-bijodiversità u tat-tniġġis huma interkonnessi u li r-risponsi għal kull waħda minnhom jeħtieġ li jkunu allinjati; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, approċċ li jirriżulta f'bosta benefiċċji kondiviżi; | 22. Jissottolinja li l-kriżijiet tal-klima, tal-bijodiversità u tat-tniġġis huma interkonnessi u li r-risponsi għal kull waħda minnhom jeħtieġ li jkunu allinjati ***u f'konformità mal-prinċipju "Saħħa Waħda"***; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli ***u fil-limiti planetarji***, approċċ li jirriżulta f'bosta benefiċċji kondiviżi; |

Or. en

**Emenda 212**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. ***Jissottolinja li l-kriżijiet tal-klima, tal-bijodiversità u tat-tniġġis huma interkonnessi u li r-risponsi għal kull waħda minnhom jeħtieġ li jkunu allinjati;*** jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, ***approċċ li jirriżulta f'bosta benefiċċji kondiviżi***; | 22. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u l-ħtieġa li r-riżorsi naturali jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli, ***fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali***; |

Or. en

**Emenda 213**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jieħu nota li l-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom skont il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura sa Settembru 2026; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx ir-rapport dwar il-finanzjament disponibbli tal-Unjoni, il-ħtiġijiet ta' finanzjament u d-diskrepanzi fil-finanzjament previsti skont l-Artikolu 21(5); ifakkar li finanzjament adegwat huwa essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika mingħajr dewmien il-valutazzjoni komprensiva tal-*** |

***ħtiġijiet ta' finanzjament għar-restawr u d-diskrepanzi fil-finanzjament u, fejn xieraq, tipproponi riżorsi finanzjarji addizzjonali u ddedikati biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tivvaluta l-pjanijiet nazzjonali skont l-objettivi u r-rekwiżiti sħaħ tar-Regolament filwaqt li tirrispetta l-iskadenzi fir-Regolament;***

Or. en

**Emenda 214**
**Jessica Polfjärd**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-varar sikur u sostenibbli tal-enerġija nukleari bħala parti mill-isforzi globali ta' dekarbonizzazzjoni, inkluż permezz ta' involviment kontinwu tal-UE ma' inizjattivi internazzjonali bħad-Dikjarazzjoni għall-Enerġija Nukleari Tripla, imnedija fil-COP28; iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-pajjiżi sħab li qed ifittxu li jinkludu l-enerġija nukleari fil-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 215**
**Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 8a (ġdida)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***Jesprimi dispjaċir dwar il-kostijiet għoljin tat-tniġġis kimiku madwar id-dinja, li qed jaggravaw il-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità; jistieden lill-Partijiet jimplimentaw miżuri biex jilħqu l-objettivi u l-miri strateġiċi adottati skont il-Qafas Globali tan-NU dwar is-Sustanzi Kimiċi ("GFC"); jissottolinja l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jmexxu sforzi globali biex jindirizzaw it-tniġġis kimiku, inkluż billi jirrevedu l-politiki tagħhom dwar is-sustanzi kimiċi, meta jkun meħtieġ;***

Or. en

**Emenda 216**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jisħaq li t-tibdil fil-klima se jikkontribwixxi għal żieda fir-reżistenza għall-antibijotiċi; itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti biex tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antimikrobiċi u jappella għal aktar sforzi mill-Partijiet kollha biex jinkiseb tnaqqis u użu aktar prudenti tal-antimikrobiċi biex jiġi miġġieled ir-riskju ta' reżistenza; jappella, f'dan ir-rigward, għal impenji vinkolanti fit-trattati internazzjonali rilevanti; jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas ta' azzjoni meħuda s'issa;*** |

Or. en

**Emenda 217**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Ifakkar fl-importanza tas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità; ifakkar li l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura hija waħda mill-għodod tal-UE biex jintlaħqu l-miri tagħha skont ir-Regolament LULUCF u l-obbligi internazzjonali tagħha dwar il-bijodiversità, b'mod partikolari l-GBF ta' Kunming-Montreal;*** |

Or. en

**Emenda 218**
**Danuše Nerudová**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-partijiet kollha jintegraw soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-NDCs u fil-pjanijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol kritiku tal-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistema, inkluż tal-foresti, tal-artijiet mistagħdra, tal-ekosistemi kostali u tat-torbieri, fl-ilħuq tal-miri tal-Ftehim ta' Pariġi u fit-tisħiħ tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fit-tul;*** |

Or. en

**Emenda 219**
**Annalisa Corrado, Heléne Fritzon**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jenfasizza l-kontribut tar-restawr tal-ekosistema, ħamrija b'saħħitha u pajsaġġi reżiljenti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; jappella għal integrazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-politiki dwar l-azzjoni klimatika, il-protezzjoni tal-bijodiversità u r-restawr tal-art fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 220**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jisħaq fuq l-importanza u l-potenzjal ta' ekonomija ċirkolari biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet filwaqt li tiġi indirizzata l-kriżi planetarja tripla b'mod aktar wiesa';*** |

Or. en

**Emenda 221**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-interkonnessjonijiet bejn it-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja u s-saħħa pubblika b'mod komprensiv;*** |

Or. en

**Emenda 222**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22b. Jenfasizza l-importanza li jiġu identifikati u massimizzati s-sinerġiji potenzjali bejn il-bijodiversità u l-azzjoni klimatika, inkluż billi tingħata prijorità lill-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni tal-ekosistemi u l-ispeċijiet importanti fiċ-ċikli tal-karbonju, kif maqbul fil-COP16 f'Cali, il-Kolombja; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-GBF ta' Kunming-Montreal; jilqa', f'dan ir-rigward, is-sottomissjoni ta' Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità minn 97 Parti u tas-seba' Rapporti Nazzjonali minn 134 Parti u jħeġġeġ lill-Partijiet l-oħra kollha li jifdal jagħmlu l-istess malajr;*** |

Or. en

**Emenda 223**
**Danuše Nerudová**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22b. Jissottolinja li l-frekwenza u s-severità dejjem akbar tan-nirien fis-selvaġġ jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għall-ekosistemi tal-foresti, għall-bijodiversità u għall-komunitajiet rurali madwar id-dinja; jistieden lill-partijiet kollha jintegraw il-prevenzjoni tan-nirien fis-selvaġġ u r-reżiljenza tal-foresti fl-NDCs u fil-pjanijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom, filwaqt li*** |

***jirrikonoxxu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-riforestazzjoni bħala għodod essenzjali kemm għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;***

Or. en

**Emenda 224**
**Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jenfasizza l-potenzjal tal-Ewwel Konferenza Internazzjonali li jmiss tal-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi fit-tishih ta' kooperazzjoni internazzjonali ulterjuri dwar il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-prevenzjoni tat-tniġġis; jappella għal azzjoni aċċelerata fil-qafas tal-GFC biex twettaq il-pjan komprensiv tagħha u tavvanza lejn pjaneta mingħajr ħsara mis-sustanzi kimiċi u mill-iskart;*** |

Or. en

**Emenda 225**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22c. Ifakkar fl-importanza li l-politiki ambjentali jitfasslu u jiġu implimentati f'allinjament shih mal-approċċ "Saħħa Waħda", li għandu l-għan li jibbilanċja u jottimizza b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi;*** |

Or. en

**Emenda 226**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22d (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22d. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-konnessjonijiet bejn it-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja u s-saħħa pubblika b'mod komprensiv, inkluż fil-COP; jilqa' d-Dikjarazzjoni tal-COP28 dwar il-Klima u s-Saħħa, iffirmata minn aktar minn 150 gvern; jitlob li t-titjib fil-kwalità tal-arja jiġi integrat fil-politiki dwar it-tibdil fil-klima u jitqies fl-NDCs; jistieden lill-Partijiet kollha jaċċeleraw azzjoni sinifikattiva li tikkontribwixxi għall-kwalità tal-arja; iħeġġeġ lill-Partijiet jiżguraw li l-finanzjament għall-klima jagħti prijorità lil soluzzjonijiet tal-arja nadifa b'benefiċċji li jistgħu jitkejlu għas-saħħa, l-ekwità u l-klima;*** |

Or. en

**Emenda 227**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22e (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22e. Jisħaq li t-tibdil fil-klima se jikkontribwixxi għal żieda fir-reżistenza għall-antibijotiċi; itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti biex tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antimikrobiċi u jappella għal aktar sforzi mill-Partijiet kollha biex jinkiseb tnaqqis u użu aktar prudenti tal-antimikrobiċi biex jiġi miġġieled ir-riskju ta' reżistenza; jappella, f'dan ir-rigward, għal impenji*** |

***vinkolanti fit-trattati internazzjonali rilevanti; jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas ta' azzjoni meħuda s'issa;***

Or. en

**Emenda 228**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali; | 23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali***, li jkomplu jiffaċċjaw impatti klimatiċi sproporzjonati, degradazzjoni ambjentali, esproprjazzjoni tal-art u vjolenza***; ***jirrikonoxxi r-rwol insostitwibbli tal-Popli Indiġeni bħala amministraturi ta' 80 % tal-bijodiversità tad-dinja u bħala promoturi fil-beraħ għal azzjoni multilaterali dwar it-tibdil fil-klima; jafferma mill-ġdid l-importanza li tiġi implimentata d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u li jiġi żgurat li l-azzjoni klimatika kollha tkun ibbażata fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Partijiet jiggarantixxu kunsens liberu, minn qabel u informat għall-inizjattivi kollha dwar il-klima, l-enerġija, il-konservazzjoni u l-karbonju u inizjattivi oħra tas-suq ambjentali li jaffettwaw it-territorji u r-riżorsi Indiġeni; jappella għal aċċess dirett akbar għall-finanzjament għall-klima għall-Popli Indiġeni u inizjattivi mmexxija lokalment u għar-rikonoxximent sħiħ tas-sistemi tal-għarfien Indiġenu bħala ugwali u komplementari għall-għarfien xjentifiku fil-politika u l-implimentazzjoni dwar il-klima;*** |

Or. en

**Emenda 229**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi ***tal-popli*** indiġeni u tal-komunitajiet lokali; | 23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi ***ta' persuni li jappartjenu għall-popli*** indiġeni u tal-komunitajiet lokali***, b'rispett sħiħ għad-drittijiet universali tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali***; |

Or. en

**Emenda 230**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jiġu protetti*** d-drittijiet u l-interessi tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali; | 23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jitqiesu*** d-drittijiet u l-interessi tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali; |

Or. en

**Emenda 231**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati l-aċċess għall-informazzjoni, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***partečipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus;*** |

Or. en

**Emenda 232**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti d-difensuri ambjentali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 233**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti d-difensuri ambjentali; | 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti d-difensuri ambjentali; ***jiddeplora l-fatt li 146 difensur ambjentali nqatlu jew għebu fl-2024[1a]; jenfasizza li ħafna difensuri ambjentali jiffaċċjaw kriminalizzazzjoni għall-azzjonijiet tagħhom, u narrattivi tossiċi li jippruvaw jimminaw il-ħidma tagħhom; jistieden lill-Partijiet kollha jiżguraw protezzjoni sistemika tad-difensuri ambjentali billi jiggarantixxu d-drittijiet tal-art għall-komunitajiet rurali u għall-Popli Indiġeni, jirrispettaw l-istandards internazzjonali għar-rikonoxximent u l-protezzjoni tad-difensuri, jirrevedu*** |

| | |
|---|---|
| | ***kwalunkwe liġi li tippermetti l-kriminalizzazzjoni tad-difensuri jew tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, tal-art jew ambjentali u jiżguraw ġustizzja trasparenti u fil-pront għad-difensuri li jkunu ġew attakkati; jirrikonoxxi l-importanza ta' oqfsa ta' diliġenza dovuta robusti u vinkolanti biex il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet finanzjarji jinżammu legalment responsabbli għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħsara ambjentali fl-operazzjonijiet globali u l-ktajjen tal-valur tagħhom u jenfasizza f'dan ir-rigward in-negozjati li għaddejjin dwar trattat vinkolanti tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem;*** |
| | ***[1a] Global Witness (2025) Documenting killings and disappearances of land and environmental defenders, https://globalwitness.org/en/campaigns/land-and-environmental-defenders/documenting-killings-and-disappearances-of-land-and-environmental-defenders/*** |
| | Or. en |

**Emenda 234**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti ***d-difensuri*** ambjentali; | 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti ***l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri*** ambjentali ***u l-informaturi***; |
| | Or. en |

**Emenda 235**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti d-difensuri ambjentali; | 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati u protetti d-difensuri ambjentali ***u li jinżammu responsabbli dawk li jhedduhom***; |

Or. en

**Emenda 236**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-deżertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; | 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-deżertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; ***jilqa' l-istrateġija Ewropea għar-reżiljenza tal-ilma u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentawha malajr; jappella għal projbizzjoni urġenti fuq il-PFAS; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-infurzar tal-liġijiet eżistenti u jiżguraw il-konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 25**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-dežertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; | 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-dežertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; ***jistieden f'dak ir-rigward lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni kollha tal-UE dwar l-ilma;*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-dežertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; | 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma***, u l-użu tal-ilma b'mod sostenibbli***; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-dežertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; |

Or. en

**Emenda 239**
**Danuše Nerudová**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma; | 25. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-ilma u tal-ekosistemi relatati mal-ilma**,** |

| | |
|---|---|
| jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-deżertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; | ***inklużi l-popolazzjonijiet tal-annimali selvaġġi tagħhom***; jenfasizza l-impatti devastanti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tad-deżertifikazzjoni, in-nixfiet, l-għargħar u t-tniġġis tal-ilma; |

Or. en

**Emenda 240**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim BBNJ fis-17 ta' Jannar 2026 u jappella għar-ratifika rapida tiegħu mill-partijiet kollha; jistenna bil-ħerqa l-ewwel Konferenza tal-Partijiet (COP1) ambizzjuża għall-Ftehim BBNJ fil-bidu tal-2027; jistieden lill-partijiet ikomplu l-ħidma fuq id-Djalogu dwar l-Oċeani u t-Tibdil fil-Klima; | 26. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim BBNJ fis-17 ta' Jannar 2026 u jappella għar-ratifika rapida tiegħu mill-partijiet kollha; jistenna bil-ħerqa l-ewwel Konferenza tal-Partijiet (COP1) ambizzjuża għall-Ftehim BBNJ fil-bidu tal-2027; jistieden lill-partijiet ikomplu l-ħidma fuq id-Djalogu dwar l-Oċeani u t-Tibdil fil-Klima; ***jistieden lill-Kunsill javvanza l-ħidma fuq id-Direttiva BBNJ;*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li bħalissa huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, id-deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; | 27. Jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi***, inkluż l-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju, il-qbid tas-sħana żejda u l-ħolqien tal-ossiġenu,*** jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li bħalissa huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, id- |

deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; ***jappella għal azzjoni urġenti globali biex jiġu restawrati l-ekosistemi marini u tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva taż-żoni marini protetti; ifakkar fil-mira 3 tal-GBF ta' Kunming-Montreal biex jiġu protetti 30 % tal-ibħra sal-2030; ifakkar fl-importanza tal-oċean bħala riżerva essenzjali għall-bijodiversità;***

Or. en

**Emenda 242**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li bħalissa huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, id-deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; | 27. Jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li bħalissa huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, id-deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; ***jesprimi tħassib dwar it-tnaqqis kontinwu tal-istokkijiet tal-ħut globali u jistieden lill-Partijiet jaċċeleraw l-azzjoni kontra s-sajd eċċessiv u l-prattiki tas-sajd distruttivi, inkluż billi jimplimentaw ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema u jsaħħu ż-żoni marini protetti, sabiex jissalvagwardjaw il-bijodiversità marina, is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tal-oċeani;*** |

Or. en

**Emenda 243**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li bħalissa huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, id-deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; | 27. Jisħaq li l-mekkaniżmi klimatiċi jiddependu mis-saħħa tal-oċean u l-ekosistemi marini li bħalissa huma affettwati mit-tisħin globali, it-tniġġis, l-isfruttament żejjed tal-bijodiversità marina, l-aċidifikazzjoni, ***l-ewtrofikazzjoni,*** id-deossiġenazzjoni u l-erożjoni tal-kosta; |

Or. en

**Emenda 244**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27a. Jinnota l-evidenza xjentifika dejjem tikber rigward il-kontribut tal-popolazzjonijiet tal-baleni għal ekosistemi tal-oċeani b'saħħithom u proċessi ta' sekwestru tal-karbonju naturali; jinnota bi tħassib li, minkejja għexieren ta' snin ta' sforzi ta' konservazzjoni, ħafna speċijiet ta' baleni għadhom fil-periklu jew vulnerabbli u għadhom jiffaċċjaw pressjonijiet kumulattivi multipli mill-attivitajiet tal-bniedem u mit-tibdil fil-klima; jistieden lill-Partijiet itejbu l-miżuri ta' protezzjoni, inaqqsu t-theddid mit-tbaħħir, mis-sajd u mit-tniġġis marin, u jappoġġjaw inizjattivi ta' konservazzjoni bbażati fuq ix-xjenza mmirati lejn ir-restawr tal-popolazzjonijiet tal-baleni għal status ta' konservazzjoni favorevoli;*** |

Or. en

**Emenda 245**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27a. Jissottolinja l-importanza kritika tal-artijiet mistagħdra – inklużi t-torbieri, il-mangrovji u ekosistemi oħra tal-art mistagħdra kostali u interni – bħala wħud mill-aktar bjar tal-karbonju naturali effettivi tal-pjaneta; jistieden lill-Partijiet kollha biex iżidu b'urġenza l-isforzi biex jikkonservaw, jimmaniġġjaw b'mod sostenibbli u jirrestawraw l-artijiet mistagħdra bħala strateġija ċentrali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għalih, il-protezzjoni tal-bijodiversità u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet soċjali u ekonomiċi relatati;*** |

Or. en

**Emenda 246**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27b. Jenfasizza li l-ħamrija hija l-akbar ħażna tal-karbonju terrestri u għandha rwol indispensabbli fiċ-ċiklu tal-klima globali; jilqa' l-isforzi kollha mill-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex jimmassimizzaw il-potenzjal tal-ħamrija biex jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima u tittejjeb id-disponibbiltà tal-ilma; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ftehim li ntlaħaq fil-livell tal-UE dwar il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija, li sservi biex ittejjeb il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tgħin lill-UE tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 247**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27c. Jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-foresti fl-azzjoni klimatika u fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tal-isforzi globali biex tiġi miġġielda d-deforestazzjoni, peress li l-foresti jipprovdu wieħed mill-akbar bjar tal-karbonju fid-dinja u huma riżervi essenzjali f'termini ta' bijodiversità; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu protetti l-aktar territorji forestali vitali tad-dinja, bħall-foresta pluvjali tal-Amażonja, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE; jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għad-Dikjarazzjoni ta' Glasgow dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art (COP26); jistieden lill-Partijiet kollha jistabbilixxu miri biex jiżdiedu l-assorbimenti netti tal-ekwivalenti ta' CO2 permezz ta' attivitajiet tal-LULUCF;*** |

Or. en

**Emenda 248**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli jipproduċu ftehim; | 28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik***; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' pprezzar adegwat tal-karbonju tal-materja prima biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-fjuwils fossili fis-settur tal-plastik***; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n- |

negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli jipproduċu ftehim; ***jappella għall-adozzjoni ta' ftehim ambizzjuż li jindirizza l-istadji kollha tal-produzzjoni, il-konsum u l-ġestjoni tal-iskart tal-plastik;***

Or. en

**Emenda 249**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli jipproduċu ftehim; | 28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli jipproduċu ftehim; ***jistieden lill-UE timplimenta b'mod ambizzjuż miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-plastik, b'enfasi fuq in-naħa tal-provvista, minkejja n-nuqqas ta' ftehim internazzjonali; jistenna bil-ħerqa r-riżultati tad-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss fl-2027 u li l-ambizzjoni tagħha tiġi estiża;*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli | 28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli |

| | |
|---|---|
| jipproduċu ftehim; | jipproduċu ftehim; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' pprezzar tal-karbonju tal-katina tal-valur għall-kontenut fossili fil-prodotti, speċjalment il-plastik;*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis tal-plastik; jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li n-negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli jipproduċu ftehim; | 28. ***Jinnota*** li n-negozjati dwar trattat globali dwar il-plastik ripetutament naqsu milli jipproduċu ftehim; |

Or. en

**Emenda 252**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Jesprimi dispjaċir dwar il-kostijiet għoljin tat-tniġġis kimiku madwar id-dinja, li qed jaggravaw il-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità; jistieden lill-Partijiet jimplimentaw miżuri biex jilħqu l-objettivi u l-miri strateġiċi adottati skont il-Qafas Globali tan-NU dwar is-Sustanzi Kimiċi ("GFC"); jissottolinja l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jmexxu sforzi globali biex jindirizzaw it-tniġġis kimiku, inkluż billi jirrevedu l-politiki tagħhom dwar is-sustanzi kimiċi, meta jkun meħtieġ;*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***29. Jinnota li se titnieda dikjarazzjoni globali għall-azzjoni klimatika dwar il-fawna selvaġġa fil-COP31, bl-għan li l-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa tiġi integrata formalment fil-politika globali dwar il-klima;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 29. ***Jinnota li se titnieda dikjarazzjoni*** globali għall-azzjoni klimatika dwar il-fawna selvaġġa fil-COP31, bl-għan li l-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa tiġi integrata formalment fil-politika globali dwar il-klima; | 29. ***Jilqa' l-impenn tal-pajjiżi Afrikani, kif espress fid-Deċiżjoni 5 tal-Konferenza Ministerjali Afrikana dwar l-Ambjent[1a], biex jintegraw formalment il-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa fil-politika globali dwar il-klima, li se tissaħħaħ bit-tnedija tad-Dikjarazzjoni*** Globali għall-Azzjoni Klimatika dwar il-Fawna Selvaġġa fil-COP31, bl-għan li l-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa tiġi integrata formalment fil-politika globali dwar il-klima; ***iħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw b'mod attiv din l-inizjattiva;*** |

***1a*** ***https://wedocs.unep.org/rest/api/core/bitst***

***reams/71969a7c-0f97-4e7c-8dbd-48d944316cba/content***

Or. en

**Emenda 255**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 29. ***Jinnota*** li se titnieda dikjarazzjoni globali għall-azzjoni klimatika dwar il-fawna selvaġġa fil-COP31, bl-għan li l-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa tiġi integrata formalment fil-politika globali dwar il-klima; | 29. ***Jilqa' l-fatt*** li se titnieda dikjarazzjoni globali għall-azzjoni klimatika dwar il-fawna selvaġġa fil-COP31, bl-għan li l-konservazzjoni tal-fawna selvaġġa tiġi integrata formalment fil-politika globali dwar il-klima ***u jistieden lill-UE tappoġġja din l-inizjattiva***; ***jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza tal-annimali selvaġġi fis-sostenn tal-funzjonijiet ewlenin tal-ekosistema li jipprovdu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ekosistema;*** |

Or. en

**Emenda 256**
**Danuše Nerudová**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li l-politiki ambjentali u klimatiċi jitfasslu u jiġu implimentati f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda", filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-interdipendenza bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-ekosistema;*** |

Or. en

**Emenda 257**
**Sakis Arnaoutoglou**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li l-politiki ambjentali u klimatiċi jitfasslu u jiġu implimentati f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda", filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-interdipendenza bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-ekosistema;*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 8a (ġdida)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-drittijiet tal-popli indiġeni*** |

Or. en

**Emenda 259**
**Sakis Arnaoutoglou**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29b. Jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-foresti fl-azzjoni klimatika u fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tal-*** |

***isforzi globali biex tiġi miġġielda d-deforestazzjoni, peress li l-foresti jipprovdu wieħed mill-akbar bjar tal-karbonju fid-dinja u huma riżervi essenzjali f'termini ta' bijodiversità; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu protetti l-aktar territorji forestali vitali tad-dinja u l-popolazzjonijiet tal-annimali selvaġġi li jagħtuhom kenn, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE;***

Or. en

**Emenda 260**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat id-dritt ta' kunsens liberu, minn qabel u informat; jisħaq li l-proġetti kollha skont l-Artikolu 6 li jaffettwaw l-artijiet jew il-komunitajiet indiġeni jridu jinvolvu lil dawn il-popli indiġeni u jirrispettaw id-drittijiet tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 261**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29b. Jissottolinja li l-popli indiġeni mhumiex biss partijiet ikkonċernati jew*** |

***gruppi vulnerabbli, iżda huma detenturi tad-drittijiet rikonoxxuti skont il-Preambolu tal-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq fuq il-ħtieġa tal-parteċipazzjoni politika tal-popli indiġeni fil-COPs u fi proċessi oħra tal-UNFCCC biex jiġi promoss involviment sinifikattiv fil-korpi deċiżjonali kollha; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi ffinanzjata u ffaċilitata l-preżenza tal-popli indiġeni fil-laqgħat tekniċi tal-COPs u tal-korp sussidjarju;***

Or. en

**Emenda 262**
**Sakis Arnaoutoglou**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29c. Jissottolinja l-importanza kritika tal-artijiet mistagħdra – inklużi t-torbieri, il-mangrovji u ekosistemi oħra tal-art mistagħdra kostali u interni – bħala wħud mill-aktar bjar tal-karbonju naturali effettivi tal-pjaneta; jistieden lill-Partijiet kollha biex iżidu b'urġenza l-isforzi biex jikkonservaw, jimmaniġġjaw b'mod sostenibbli u jirrestawraw l-artijiet mistagħdra bħala strateġija ċentrali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għalih, il-protezzjoni tal-bijodiversità u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet soċjali u ekonomiċi relatati;*** |

Or. en

**Emenda 263**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29c. Jirrikonoxxi li l-artijiet indiġeni huma hotspots tal-bijodiversità, u l-popli indiġeni għandhom rwol vitali fil-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi; ifakkar li, skont il-ħames rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC, il-forom indiġeni, lokali u tradizzjonali ta' għarfien huma riżorsa ewlenija għall-adattament għat-tibdil fil-klima; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-għarfien indiġenu mhux qed jintuża b'mod effettiv; jissottolinja b'mod partikolari r-rwol ta' dan l-għarfien biex jiġi evitat l-adattament ħażin;*** |

Or. en

**Emenda 264**
**Sakis Arnaoutoglou**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29d (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29d. Jenfasizza l-importanza li jiġu identifikati u massimizzati s-sinerġiji potenzjali bejn il-bijodiversità u l-azzjonijiet klimatiċi, inkluż billi tingħata prijorità lill-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni tal-ekosistemi u l-ispeċijiet importanti fiċ-ċikli tal-karbonju, kif maqbul fil-COP16 f'Cali, il-Kolombja; jisħaq fuq l-importanza li l-kunsiderazzjonijiet dwar il-benesseri tal-annimali jiġu integrati fl-istrateġiji, il-politiki u l-pjanijiet nazzjonali dwar il-klima u l-bijodiversità;*** |

Or. en

**Emenda 265**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29d (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29d. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-popli indiġeni jkollhom aċċess dirett għall-finanzjament għall-klima permezz ta' fondi internazzjonali għall-klima bħall-Fond Ekoloġiku għall-Klima, il-Fond ta' Adattament u l-Fond għat-Telf u l-Ħsara;*** |

Or. en

**Emenda 266**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 30. ***Jilqa' l-fatt*** li ngħatat aktar attenzjoni lill-aġenda dwar il-klima, il-paċi u s-sigurtà fil-laqgħat tal-COP, b'mod partikolari evidenti fil-COP29 bit-tnedija tas-sejħa ta' Baku dwar l-azzjoni klimatika għall-paċi, l-għajnuna u l-irkupru, u bir-risponsi klimatiċi preċedenti tal-COP27 għas-sostenn tal-inizjattiva għall-paċi u d-dikjarazzjoni tal-COP28 dwar il-klima, l-għajnuna, l-irkupru u l-paċi; | 30. ***Jinnota bi tħassib il-fatt*** li ngħatat aktar attenzjoni lill-aġenda dwar il-klima, il-paċi u s-sigurtà fil-laqgħat tal-COP, b'mod partikolari evidenti fil-COP29 bit-tnedija tas-sejħa ta' Baku dwar l-azzjoni klimatika għall-paċi, l-għajnuna u l-irkupru, u bir-risponsi klimatiċi preċedenti tal-COP27 għas-sostenn tal-inizjattiva għall-paċi u d-dikjarazzjoni tal-COP28 dwar il-klima, l-għajnuna, l-irkupru u l-paċi; |

Or. en

**Emenda 267**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis, Jeannette Baljeu**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima huwa theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, peress li l-impatti tiegħu, inklużi eventi ta' temp estrem, nixfiet, u insigurtà tal-ikel u tal-ilma, jistgħu jaggravaw it-tensjonijiet politiċi eżistenti, iżidu l-kompetizzjoni fuq ir-riżorsi naturali, u jimminaw il-pedamenti ta' governanza stabbli, b'mod partikolari f'reġjuni diġà affettwati minn fraġilità u kunflitt;*** |

Or. en

**Emenda 268**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu "emissjonijiet żero reali" minflok "emissjonijiet żero netti", fejn soluzzjonijiet bħall-krediti tal-karbonju jew il-qbid u l-ħżin tal-karbonju jitqiesu bħala miżuri addizzjonali aktar milli kumpens għan-nuqqas ta' tnaqqis tal-emissjonijiet; jitlob lill-UE tinvestiga u tindirizza modi kif tikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima lil hinn mill-fruntieri tagħha, pereżempju permezz ta' ktajjen tal-provvista negattivi;*** |

Or. en

**Emenda 269**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Jirrikonoxxi r-rabtiet bejn it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, u kwistjonijiet ta' paċi, sigurtà u difiża; jissottolinja l-importanza li tiġi indirizzata r-rabta bejn il-klima u s-sigurtà;*** |

Or. en

**Emenda 270**
**Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Jorge Buxadé Villalba, Barbara Bonte**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Ifakkar li t-taħlitiet tal-enerġija jiġu ddeterminati minn prijoritajiet tas-sigurtà tal-enerġija, tas-sovranità industrijali u tal-kompetizzjoni ekonomika;*** |

Or. fr

**Emenda 271**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma multiplikaturi tat-theddid li jistgħu jwasslu għal skarsezza ta' riżorsi naturali u nuqqas ta' ikel, iżidu t-tensjonijiet fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kunflitti dwar ir-riżorsi naturali, ***u*** jikkawżaw ***katastrofi naturali, li kollha huma xprunaturi ewlenin*** tal- | 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma multiplikaturi tat-theddid li jistgħu jwasslu għal skarsezza ta' riżorsi naturali u nuqqas ta' ikel, iżidu t-tensjonijiet fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kunflitti dwar ir-riżorsi naturali, jikkawżaw ***diżastri relatati mal-klima u l-ambjent, u jikkontribwixxu*** |

ispostament ***tal-bnedmin*** u ***l-flussi migratorji***;

***għall-instabbiltà, l-insigurtà u r-riskji ta' kunflitt, inkluż billi jiżdied ir-riskju*** tal-ispostament u ***tal-migrazzjoni***;

Or. en

**Emenda 272**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma multiplikaturi tat-theddid li jistgħu jwasslu għal skarsezza ta' riżorsi naturali u nuqqas ta' ikel, iżidu t-tensjonijiet fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kunflitti dwar ir-riżorsi naturali, u jikkawżaw katastrofi naturali, li kollha huma xprunaturi ewlenin tal-ispostament tal-bnedmin u l-flussi migratorji; | 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma multiplikaturi tat-theddid li ***qed jheddu s-servizzi tal-ekosistema, u*** jistgħu jwasslu għal skarsezza ta' riżorsi naturali u nuqqas ta' ikel, iżidu t-tensjonijiet fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kunflitti dwar ir-riżorsi naturali, u jikkawżaw katastrofi naturali ***u emerġenzi tas-saħħa***, li kollha huma xprunaturi ewlenin tal-ispostament tal-bnedmin u l-flussi migratorji; |

Or. en

**Emenda 273**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima ***u d-degradazzjoni ambjentali huma multiplikaturi tat-theddid li jistgħu jwasslu*** għal skarsezza ta' riżorsi naturali u nuqqas ta' ikel, ***iżidu t-tensjonijiet*** fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kunflitti dwar ir-riżorsi naturali, u ***jikkawżaw*** katastrofi naturali, li kollha huma | 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima ***bħala fenomenu naturali jista' jwassal*** għal skarsezza ta' riżorsi naturali u nuqqas ta' ikel, ***iżid it-tensjonijiet*** fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kunflitti dwar ir-riżorsi naturali, u ***jikkawża*** katastrofi naturali, li kollha huma xprunaturi ewlenin tal-ispostament tal-bnedmin u l-flussi |

| | |
|---|---|
| xprunaturi ewlenin tal-ispostament tal-bnedmin u l-flussi migratorji; | migratorji; |

Or. en

**Emenda 274**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali ***huma multiplikaturi tat-theddid li jistgħu jwasslu għal skarsezza ta' riżorsi naturali u nuqqas ta' ikel, iżidu t-tensjonijiet fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-kunflitti dwar ir-riżorsi*** naturali, ***u jikkawżaw katastrofi naturali, li kollha huma xprunaturi ewlenin*** tal-ispostament ***tal-bnedmin*** u ***l-flussi migratorji***; | 31. Jisħaq li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali ***jistgħu jaggravaw il-vulnerabbiltajiet eżistenti, jimminaw is-sigurtà tal-bniedem, jaffettwaw l-aċċess għar-riżorsi*** naturali, ***is-sigurtà tal-ikel u l-għajxien, u jikkontribwixxu għall-instabbiltà, l-insigurtà u r-riskji ta' kunflitt, inkluż billi jżidu r-riskju*** tal-ispostament u ***tal-migrazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 275**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' attenzjoni internazzjonali akbar għall-impatti ambjentali tal-kunflitt; jenfasizza l-qerda ambjentali kkawżata minn attakki u operazzjonijiet militari madwar id-dinja u jħeġġeġ il-waqfien ta' dawn l-attivitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali; jisħaq li lil hinn mill-qerda immedjata u t-telf ta' ħajjiet tal-bnedmin, il-kunflitti li għaddejjin ifixklu l-ekosistemi, inaqqsu r-riżorsi naturali, iniġġsu l-ambjent, u*** |

***jipperikolaw is-saħħa tal-pjaneta tagħna għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin, filwaqt li jimminaw l-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih; jissottolinja b'mod partikolari l-aħħar rapporti tal-UNEP dwar il-firxa tal-biża' tal-ħsara ambjentali kkawżata mill-kunflitti kemm fl-Ukrajna[13c] kif ukoll f'Gaża[13d]; ifakkar ukoll fir-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar il-ħsara ambjentali kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja tar-Russja fl-Ukrajna[13e], li juri żidiet qawwija fit-tniġġis tossiku, id-degradazzjoni tal-ħamrija u t-tfixkil fis-sistemi ta' monitoraġġ; jemmen li l-entitajiet rikonoxxuti bħala responsabbli għall-kunflitti mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jeħtiġilhom jinżammu responsabbli wkoll għall-kostijiet klimatiċi u ambjentali tal-gwerra u l-okkupazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti;***

---

*[13c] Programm tan-NU għall-Ambjent, The Environmental Impact of the Conflict in Ukraine: A Preliminary Review, l-14 ta' Ottubru 2022.*

*[13d] Programm tan-NU għall-Ambjent, Environmental Impact of the Conflict in Gaza: Preliminary Assessment of Environmental Impacts, it-18 ta' Ġunju 2024.*

*[13e] Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Status of Environment and Climate in Ukraine, 2025.*

Or. en

**Emenda 276**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***31a. Jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas persistenti ta' rapportar komprensiv tal-emissjonijiet militari mill-maġġoranza tal-Partijiet, li jimmina l-kompletezza u l-kredibbiltà tal-kontabbiltà tal-klima globali u jirriskja sottovalutazzjoni sinifikanti tal-emissjonijiet totali; jenfasizza li l-impronta tal-karbonju totali tal-attivitajiet militari globali hija stmata li hija madwar 5,5 % tal-emissjonijiet globali[1a]; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC inaqqsu b'mod urġenti d-diskrepanza eżistenti fir-rapportar dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet militari billi jistabbilixxu qafas ta' rapportar standardizzat, trasparenti u komparabbli li jkopri kemm l-emissjonijiet diretti (kamp ta' applikazzjoni 1 u 2) kif ukoll dawk indiretti (kamp ta' applikazzjoni 3) mill-forzi armati, l-operazzjonijiet militari, l-akkwist, l-infrastruttura, u l-attivitajiet relatati mal-kunflitti, filwaqt li jiżguraw li tali rapportar ikun konsistenti mal-metodoloġiji tal-IPCC u integrat fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra; jistieden ukoll lill-Istati Membri kollha jinkludu b'mod sistematiku l-emissjonijiet militari fis-sottomissjonijiet annwali tagħhom lill-UNFCCC u lill-qafas ta' rapportar tal-UE dwar il-klima, u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' gwida fil-qafas tal-Korp Sussidjarju għall-Konsulenza Xjentifika u Teknoloġika (SBSTA) tal-UNFCCC għal dan l-għan;*** |
| | ***[1a] Stuart Parkinson, Linsey Cottrell (2022), Estimating the Military Global Greenhouse Gas Emissions, https://www.sgr.org.uk/sites/default/files/2022-11/SGR%2BCEOBS-Estimating_Global_MIlitary_GHG_Emissions_Nov22_rev.pdf*** |
| | Or. en |

**Emenda 277**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31b. Jemmen li l-promozzjoni tal-paċi għandha tkun ċentrali għall-politika tal-UE dwar il-klima; għalhekk jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiddefendu d-dritt internazzjonali fl-istanzi kollha u jfittxu li jtemmu l-kunflitti; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-każijiet ta' ġenoċidju f'Gaża u l-gwerra bejn l-Istati Uniti u l-Iżrael kontra l-Iran, kunflitti fejn il-mexxejja tal-UE naqsu milli saħansitra jikkundannaw aggressjonijiet militari mhux ġustifikati u illegali, inkluż meta l-popolazzjonijiet ċivili ġew attakkati; jinnota bi tħassib kbir l-impatt ambjentali tal-kunflitti, inkluż fl-Ukrajna, f'Gaża u fl-Iran, fost l-oħrajn, b'attakki fuq l-infrastruttura tal-fjuwils fossili u l-użu ta' armi kontaminanti, li jikkawżaw impatti dejjiema fuq l-ambjent u s-saħħa;*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***32. Jisħaq li d-dipendenza kontinwa fuq il-fjuwils fossili hija vulnerabbiltà u, meta tintuża bħala arma tal-gwerra, tista' tikkawża tfixkil f'infrastruttura importanti u xokkijiet fil-prezzijiet għall-enerġija u l-fjuwil, kif muri mis-sitwazzjoni*** | ***imħassar*** |

***ġeopolitika attwali;***

Or. en

**Emenda 279**
**Annalisa Corrado, Heléne Fritzon**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jisħaq li d-dipendenza kontinwa fuq il-fjuwils fossili hija vulnerabbiltà u, meta tintuża bħala arma tal-gwerra, tista' tikkawża tfixkil f'infrastruttura importanti u xokkijiet fil-prezzijiet għall-enerġija u l-fjuwil, kif muri mis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali; | 32. Jisħaq li d-dipendenza kontinwa fuq il-fjuwils fossili hija vulnerabbiltà u, meta tintuża bħala arma tal-gwerra, tista' tikkawża tfixkil f'infrastruttura importanti u xokkijiet fil-prezzijiet għall-enerġija u l-fjuwil, kif muri mis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali; ***jenfasizza li l-aċċelerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-elettrifikazzjoni tikkontribwixxi mhux biss għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima iżda wkoll għall-paċi, is-sigurtà u r-reżiljenza;*** |

Or. en

**Emenda 280**
**Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Barbara Bonte**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***32a. Jissottolinja li s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali tenfasizza l-urġenza li tiġi ddiversifikata l-provvista tal-enerġija u l-ħtieġa li tingħata spinta lill-varar tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;*** |

Or. fr

**Emenda 281**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 33. Jinnota li t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili ***huwa l-aħjar mod biex titnaqqas il-pressjoni*** inflazzjonarja***, filwaqt li jaġixxi wkoll bħala miżura ta' sigurtà***; | 33. Jinnota li t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili ***jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-pressjoni*** inflazzjonarja***; jissottolinja li l-bini ta' kapaċità rinnovabbli u nukleari jista' jsaħħaħ il-potenzjal tal-UE li żżid il-kompetittività tagħha globalment***; |

Or. en

**Emenda 282**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jirrikonoxxi li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li issa dieħla f'durata li taqbeż dik tal-Ewwel Gwerra Dinjija, uriet b'ċarezza devastanti l-vulnerabbiltà strateġika li d-dipendenza enerġetika fuq il-fjuwils fossili tirrappreżenta għall-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha; jissottolinja li l-immirar sistematiku tal-infrastruttura tal-enerġija fl-Ukrajna kellu konsegwenzi katastrofiċi għall-popolazzjonijiet ċivili, u li din ir-realtà trid tinforma l-approċċ tal-Unjoni Ewropea għar-reżiljenza enerġetika bħala kwistjoni ta' difiża ċivili u protezzjoni tal-infrastruttura kritika; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jintegraw ir-reżiljenza tal-enerġija fl-oqfsa usa' tagħhom ta' sigurtà*** |

***u difiża, filwaqt li jirrikonoxxu li l-protezzjoni tas-sistemi tal-enerġija hija inseparabbli mill-protezzjoni tal-ħajja ċivili; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li r-riċerka relatata mad-difiża, inkluża l-ħidma fuq fjuwils sintetiċi u vetturi tal-enerġija alternattivi żviluppati f'kuntesti militari, tiġġenera esternalitajiet pożittivi sinifikanti għall-ekonomija ċivili, toħloq perkorsi ġodda għat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili u tikkontribwixxi għal sigurtà tal-enerġija u reżiljenza akbar għall-popolazzjoni kollha kemm hi; jisħaq li l-investiment f'dan il-qasam għandu jiġi rikonoxxut bħala sforz ta' benefiċċju doppju, li javvanza kemm l-aġenda ta' dekarbonizzazzjoni kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea;***

Or. en

**Emenda 283**
**Annalisa Corrado, Heléne Fritzon**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jenfasizza li t-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili għandha titqies mhux biss bħala neċessità ambjentali iżda wkoll bħala strateġija ta' paċi u sigurtà fit-tul, li kapaċi tnaqqas l-esponiment għar-rikatt ġeopolitiku, ix-xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kunflitti marbuta mal-kontroll tar-riżorsi fossili;*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jisħaq li diplomazija msaħħa dwar il-klima fil-qafas tal-UNFCCC hija kruċjali biex tikkontribwixxi għall-affermazzjoni mill-ġdid tal-multilateraliżmu, speċjalment fost it-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu u l-fiduċja li qed tonqos fil-kooperazzjoni globali;*** |

Or. en

**Emenda 285**
**Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Jorge Buxadé Villalba**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tiġġieled kwalunkwe dipendenza fl-importazzjoni ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;*** |

Or. fr

**Emenda 286**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33b. Jisħaq li l-għanijiet klimatiċi ma jistgħux jintlaħqu mingħajr l-appoġġ u l-involviment tal-pubbliku; jistieden lill-Partijiet kollha jżidu s-sensibilizzazzjoni u l-fehim pubbliku dwar it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet relatati u jaħdmu mar-rappreżentanti pubbliċi biex jiksbu*** |

***appoġġ pubbliku għal miżuri ta' mitigazzjoni u adattament; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fit-tixrid tal-miżinformazzjoni u tad-diżinformazzjoni dwar il-klima, inkluż minn atturi statali, u jħeġġeġ lill-gvernijiet kollha jindirizzaw dan bħala kwistjoni ta' urġenza fid-dawl tat-theddida li din toħloq kemm għall-azzjoni klimatika sinifikattiva kif ukoll għad-demokrazija; jenfasizza l-importanza tal-aċċess għal informazzjoni bbażata fuq ix-xjenza u tas-salvagwardja tal-media indipendenti; jisħaq fuq l-importanza tal-ħidma mwettqa mill-IPCC biex jipprovdi pariri u data xjentifiċi sodi; jistieden lill-UNFCCC tintensifika l-isforzi fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni dwar il-klima; jistieden lill-Kummissjoni tingħaqad mal-Inizjattiva Globali għall-Integrità tal-Informazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima biex tiġġieled id-diżinformazzjoni dwar il-klima;***

Or. en

**Emenda 287**
**Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Barbara Bonte**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33b. Jissottolinja li l-Presidenza Torka tal-COP31 għandha l-għan li tistabbilixxi objettiv dinji tal-elettrifikazzjoni ta' 35 % sal-2035, meta mqabbel ma' 20 % tal-lum il-ġurnata; jinnota li, biex jintlaħaq dan l-objettiv, l-elettrifikazzjoni trid tiġi appoġġata mit-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;*** |

Or. fr

**Emenda 288**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 34**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 34. Jisħaq li s-setturi kollha jridu jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom; | 34. Jisħaq li s-setturi kollha jridu jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom; ***iqis li d-dekarbonizzazzjoni tista' tipprovdi għadd kbir ta' opportunitajiet u ħafna impatti soċjali u ekonomiċi pożittivi;*** |

Or. en

**Emenda 289**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 34**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 34. Jisħaq li s-setturi kollha jridu jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom; | 34. Jisħaq li s-setturi kollha jridu jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ***u jiksbu n-newtralità klimatika f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi***; |

Or. en

**Emenda 290**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 34**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 34. Jisħaq li s-setturi kollha ***jridu*** jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom; | 34. Jisħaq li s-setturi kollha ***jistgħu*** jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom |

***meta jkun teknoloġikament u ekonomikament fattibbli***;

Or. en

**Emenda 291**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 34**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 34. Jisħaq li s-setturi kollha jridu jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom; | 34. Jisħaq li s-setturi kollha jridu jikkontribwixxu billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ***u jiksbu n-newtralità klimatika f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi***; |

Or. en

**Emenda 292**
**Sigrid Friis, Martin Hojsík**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; | 35. Jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; ***jisħaq li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan mill-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass huwa wieħed mill-aktar modi rapidi, kosteffettivi u immedjatament disponibbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra; jissottolinja li tali miżuri jsaħħu wkoll is-sigurtà tal-enerġija billi jtejbu t-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-oriġini u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***prestazzjoni tal-metan tal-importazzjonijiet tal-enerġija, u b'hekk jikkomplementaw ir-REPowerEU billi jibagħtu sinjal ċar tas-suq li jħeġġeġ bidla gradwali lejn fornituri aktar trasparenti u b'emissjonijiet aktar baxxi; jissottolinja li l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament tal-UE dwar il-Metan hija għalhekk essenzjali;*** |
| | Or. en |

**Emenda 293**
**Mohammed Chahim, Heléne Fritzon**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; | 35. ***Ifakkar li l-metan għandu aktar minn 80 darba l-qawwa tat-tisħin tad-diossidu tal-karbonju fl-ewwel 20 sena tiegħu fl-atmosfera;*** jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; ***jenfasizza l-effettività tal-inizjattivi tal-klabbs tax-xerrejja bħall-First Movers Coalition (FMC) fit-tnaqqis tal-emissjonijiet dannużi; jitlob għalhekk li t-tmexxija tal-Unjoni taċċelera t-tnaqqis globali tal-metan meta tistabbilixxi klabb tax-xerrejja tat-tnaqqis tal-metan, bħal kif ġara għall-First Movers Coalition FMC;*** |
| | Or. en |

**Emenda 294**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Jilqa’ l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b’rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; | 35. Jilqa’ l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b’rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; ***jisħaq li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan mill-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass huwa wieħed mill-aktar modi rapidi, kosteffettivi u immedjatament disponibbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra; jissottolinja li l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament tal-UE dwar il-Metan hija essenzjali;*** |

Or. en

**Emenda 295**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Jilqa’ l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b’rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; | 35. Jilqa’ l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b’rabta mal-Metan***; iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri tal-UE li għadhom ma ssieħbux fil-Wegħda biex jagħmlu dan qabel il-COP31***; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni ulterjuri biex jilħqu l-mira tal-Wegħda b’rabta mal-Metan;*** |

Or. en

**Emenda 296**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; | 35. Jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; ***jistieden lill-UE tipproponi leġiżlazzjoni u inizjattivi oħra biex tindirizza l-metan mis-sorsi sinifikanti kollha, f'konformità mal-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija tal-UE dwar il-Metan;*** |

Or. en

**Emenda 297**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom; | 35. Jilqa' l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; ***iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jappoġġjaw is-Sejħa għal Azzjoni dwar il-Metan tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u jaċċeleraw l-isforzi ta' mitigazzjoni tal-metan;*** jistieden lill- |

Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom;

Or. en

**Emenda 298**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. ***Jilqa'*** l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; ***jistieden lill-Partijiet kollha jinkludu wkoll miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-metan fl-NDCs tagħhom;*** | 35. ***Jinnota*** l-fatt li kważi 160 pajjiż saru firmatarji tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan; jappella għal valutazzjoni kwantifikata u bbażata fuq ix-xjenza tal-progress li sar mill-adozzjoni tagħha fil-COP26; |

Or. en

**Emenda 299**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***35a. Ifakkar li l-metan għandu aktar minn 80 darba l-qawwa tat-tisħin tad-diossidu tal-karbonju matul l-ewwel 20 sena tiegħu fl-atmosfera u jisħaq għalhekk fuq l-importanza li jiġi aċċelerat it-tnaqqis fil-metan; jinnota bi tħassib is-sejbiet tar-rapport tal-AIE tal-2025, li jenfasizzaw iż-żieda kontinwa fl-emissjonijiet tal-metan, l-implimentazzjoni dgħajfa tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan u l-fatt li l-*** |

***pajjiżi qed jissottovalutaw b'mod konsiderevoli t-tniġġis tal-metan fis-settur tal-enerġija tagħhom, bl-AIE tistma li l-emissjonijiet huma madwar 80 % ogħla mit-total irrapportat mill-gvernijiet; ifakkar li l-emissjonijiet tal-metan mis-settur tal-enerġija jibqgħu waħda mill-aktar kategoriji ta' emissjonijiet faċli u ta' benefiċċju ekonomiku biex jitnaqqsu globalment; jappella għall-appoġġ tal-UE fl-istabbiliment ta' klabb tax-xerrejja għat-tnaqqis tal-metan flimkien ma' importaturi ewlenin oħra tal-fjuwils fossili, ispirati mill-First Movers Coalition, bl-adozzjoni ta' valur massimu komuni tal-intensità tal-metan, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1787, u b'hekk jiġi aċċelerat it-tnaqqis globali fil-metan;***

Or. en

**Emenda 300**
**Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Jorge Buxadé Villalba**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***35a. Jinnota bi tħassib li d-domanda għall-faħam qed tkompli tiżdied fid-dinja, minkejja l-previżjonijiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija u li din iż-żieda hija prinċipalment sostnuta miċ-Ċina, l-Indja u l-Istati Uniti, li jirrappreżentaw kważi 75 % tad-domanda dinjija; jinnota li t-tnaqqis fl-użu tal-faħam fl-Ewropa huwa fil-biċċa l-kbira kkumpensat miż-żieda qawwija fil-konsum fid-dinja, b'mod partikolari għall-produzzjoni tal-elettriku;*** |

Or. fr

**Emenda 301**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***35b. Ifakkar fir-Regolament (UE) 2024/1787 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija, li se japplika wkoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-importaturi tal-UE taż-żejt mhux maħdum, tal-gass naturali u tal-faħam; jisħaq fuq ir-rwol kritiku ta' dan ir-regolament u l-implimentazzjoni tiegħu biex jiġi xprunat it-tnaqqis upstream tal-metan, tiġi żgurata l-fiduċja tal-investituri u jiġu stabbiliti standards globali;*** |

Or. en

**Emenda 302**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; | 36. ***Jinnota li s-settur agrikolu jammonta għal 10-12 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi globali u għal 11 % tal-emissjonijiet totali tal-UE fl-2020;*** jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; ***jisħaq li l-bdiewa u s-settur agrikolu huma partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, bit-tibdil fil-klima joħloq theddida sinifikanti għas-sigurtà tal-ikel madwar id-dinja; jisħaq li l-politiki biex jinkiseb tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur agrikolu għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-ikel; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi implimentat qafas ta'*** |

***politika li jinċentiva metodi ta' biedja sostenibbli u jappoġġja lill-bdiewa, b'mod partikolari lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, fil-bidla lejn prattiki reżiljenti u li jippremja lill-bdiewa li jappoġġjaw l-isforzi ta' mitigazzjoni u jipproteġu l-bijodiversità; jenfasizza l-benefiċċji ambjentali tat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati, u miżuri oħra li jippromwovu l-bijodiversità fl-azjendi agrikoli, is-saħħa tal-ħamrija u l-kwalità tal-ilma filwaqt li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;***

Or. en

**Emenda 303**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. ***Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu***; | 36. ***Jemmen li kulħadd għandu jkun jista' jgawdi d-dritt tal-bniedem għal ikel sikur, sostenibbli u ta' kwalità; jissottolinja, madankollu, li l-mudell agroalimentari industrijali attwali huwa mutur ewlieni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, it-telfien tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ħamrija u t-tniġġis tal-ilma, u huwa strutturalment allinjat ħażin mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq li l-kisbiet inkrementali fl-effiċjenza waħedhom mhumiex biżżejjed u għalhekk jappella għal bidla rapida lil hinn mill-produzzjoni intensiva fl-emissjonijiet u d-dipendenza fuq il-fertilizzanti sintetiċi lejn sistemi agroekoloġiċi u sistemi oħra ta' biedja organika; jisħaq li jeżistu diversi mudelli agrikoli sostenibbli li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-promozzjoni tal-bijodiversità u dawn jirrikjedu appoġġ mill-UE***; |

Or. en

**Emenda 304**
**Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; | 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; ***jenfasizza li l-ħamrija hija l-akbar ħażna tal-karbonju terrestri u għandha rwol indispensabbli fiċ-ċiklu tal-klima globali; jilqa' l-isforzi kollha mill-gvernijiet u l-atturi mhux governattivi biex jimmassimizzaw il-potenzjal tal-ħamrija biex jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima u tittejjeb id-disponibbiltà tal-ilma; jirrikonoxxi l-progress tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Liġi tagħha dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija u l-kooperazzjoni tal-Istati Membri kollha fil-kondiviżjoni tal-għarfien u t-titjib tar-reżiljenza tal-ħamrija tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 305**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; | 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu inċentivati metodi ta' biedja sostenibbli; jenfasizza l-potenzjal ta', pereżempju, attivitajiet ta' kultivazzjoni karbonika li jiġġeneraw introjtu għall-bdiewa filwaqt li jikkontribwixxu għall-*** |

***isforzi klimatiċi tal-UE;***

Or. en

**Emenda 306**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jirrikonoxxi ***l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur*** agrikolu; | 36. Jirrikonoxxi ***l-fatt li l-bdiewa huma fost l-ewwel li jbatu l-konsegwenzi ta' eventi ta' temp estrem u li l-politiki tal-UE għandhom jagħtu prijorità lit-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur*** agrikolu ***filwaqt li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-ikel***; |

Or. en

**Emenda 307**
**Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Jorge Buxadé Villalba, Barbara Bonte**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; | 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; ***jopponi kwalunkwe estensjoni tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-settur agrikolu;*** |

Or. fr

**Emenda 308**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; | 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; ***jistieden lill-UE tieħu rwol ta' tmexxija billi tikkunsidra inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-Politika Agrikola Komuni tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 309**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal ***sinifikanti*** għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu; | 36. Jirrikonoxxi l-potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur agrikolu***, iżda jissottolinja li kwalunkwe azzjoni għandha tqis is-sigurtà tal-ikel bħala prijorità***; |

Or. en

**Emenda 310**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 37**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***37. Jenfasizza l-potenzjal tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur agroalimentari, inkluż il-potenzjal tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-evitar tal-ħela tal-ikel; jappella għal progress fl-inizjattiva*** | ***imħassar*** |

***rivoluzzjonarja dwar il-ħela tal-ikel imnedija fil-COP30;***

Or. en

**Emenda 311**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 37**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 37. Jenfasizza l-potenzjal tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ***fis-settur agroalimentari, inkluż il-potenzjal tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-evitar tal-ħela*** tal-ikel; jappella għal progress fl-inizjattiva rivoluzzjonarja dwar il-ħela tal-ikel imnedija fil-COP30; | 37. Jenfasizza l-potenzjal tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ***billi tiġi indirizzata l-ħela*** tal-ikel; jappella għal progress fl-inizjattiva rivoluzzjonarja dwar il-ħela tal-ikel imnedija fil-COP30; |

Or. en

**Emenda 312**
**Mohammed Chahim, Heléne Fritzon**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 37a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***37a. Jinnota l-attenzjoni xjentifika u politika dejjem akbar li qed tingħata lill-approċċi tal-inġinerija klimatika, inklużi metodi bħall-modifika tar-radjazzjoni solari (SRM), li għandhom l-għan li jbiddlu b'mod artifiċjali s-sistema klimatika tad-dinja permezz ta' tekniki bħall-injezzjoni stratosferika tal-aerosol; jisħaq li tali approċċi ma jindirizzawx il-kawżi ewlenin tat-tibdil fil-klima, bħall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u li l-impatti potenzjali tagħhom jibqgħu inċerti ħafna, u joħolqu riskji serji għall-integrità ambjentali, għad-drittijiet tal-*** |

***bniedem, u għall-istabbiltà ġeopolitika globali; jenfasizza li, fin-nuqqas ta' evidenza xjentifika robusta rigward is-sikurezza, l-effettività u l-governanza, kwalunkwe insegwiment tal-inġinerija klimatika jrid ikun iggwidat mill-prinċipju ta' prekawzjoni; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Konsulenti Xjentifiċi Ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea ppubblikati f'Diċembru 2024; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tieħu rwol proattiv fin-negozjar ta' qafas ta' governanza globali għall-SRM ibbażat fuq pożizzjoni soda ta' nuqqas ta' varar, u ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tidentifika u tikkwantifika kwalunkwe varar mhux iddikjarat tal-SRM; jistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jappoġġjaw riċerka xjentifika responsabbli u valutazzjoni internazzjonali komprensiva tal-effetti u l-impatti ta' din it-teknoloġija, filwaqt li jiżguraw li kwalunkwe finanzjament pubbliku għar-riċerka dwar l-SRM ikun addizzjonali għal finanzjament pubbliku għar-riċerka fl-adattament u l-mitigazzjoni, u mhux sostitut għalih;***

Or. en

**Emenda 313**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis, Jeannette Baljeu**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 37a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***37a. Jirrikonoxxi wkoll li, skont l-UNFCCC, it-telf u l-ħela tal-ikel jammontaw għal 8 sa 10 fil-mija tal-emissjonijiet globali annwali ta' gassijiet serra[1a], u li l-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tirrappreżenta waħda mill-aktar opportunitajiet ta' mitigazzjoni kosteffiċjenti u immedjati disponibbli fis-*** |

***setturi kollha tal-ekonomija;***

---

*[1a] **https://unfccc.int/news/food-loss-and-waste-account-for-8-10-of-annual-global-greenhouse-gas-emissions-cost-usd-1-trillion***

Or. en

**Emenda 314**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 38. Jinnota bi tħassib li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 u li se jkun meħtieġ tnaqqis aktar sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE; | 38. Jinnota bi tħassib li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 u li se jkun meħtieġ tnaqqis aktar sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE; ***jisħaq fuq l-importanza ta' miżuri ulterjuri biex tiġi appoġġjata l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq bħala mod kif jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq, flimkien mal-espansjoni tat-trasport ferrovjarju, u flimkien ma' miżuri ulterjuri li jappoġġjaw il-bidla modali, it-trasport intermodali u t-trasport pubbliku b'mod ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-emissjonijiet mit-trasport internazzjonali fl-NDCs; jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-rapport ta' valutazzjoni tal-NECP tal-2025 maħruġ mill-Kummissjoni wera li xi Stati Membri għad għandhom skemi ta' appoġġ għall-vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili u jistieden lil dawk l-Istati Membri jeliminawhom gradwalment; jinnota bi tħassib li l-emissjonijiet tal-UE mill-avjazzjoni internazzjonali u mit-trasport marittimu huma mbassra li jkomplu jiżdiedu;*** |

Or. en

**Emenda 315**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 38. Jinnota ***bi tħassib*** li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 ***u li se jkun meħtieġ*** tnaqqis ***aktar sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE***; | 38. Jinnota li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990***; jitlob li kwalunkwe azzjoni ta'*** tnaqqis ***tal-emissjonijiet f'dan is-settur tiġi pprovduta permezz ta' approċċ teknoloġikament newtrali filwaqt li jitqies kwalunkwe impatt negattiv potenzjali fuq l-industrija u l-impjegati, kif ukoll fuq ir-riskji tal-inflazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 316**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 38. Jinnota bi tħassib li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 u li se jkun meħtieġ tnaqqis aktar sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE; | 38. Jinnota bi tħassib li s-settur tat-trasport huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 u li se jkun meħtieġ tnaqqis aktar sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri effiċjenti fl-immirar u l-ipprezzar tal-emissjonijiet tas-settur tat-trasport;*** |

Or. en

**Emenda 317**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 38. ***Jinnota bi tħassib li s-settur*** tat-trasport ***huwa l-uniku settur li fih l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE mill-1990 u li se jkun meħtieġ tnaqqis aktar sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE***; | 38. ***Jissottolinja l-ħtieġa ta' dekarbonizzazzjoni aċċelerata*** tat-trasport ***permezz ta' soluzzjonijiet kosteffiċjenti u teknoloġikament newtrali, filwaqt li jiġu ppreservati l-mobbiltà affordabbli u l-kompetittività industrijali***; |

Or. en

**Emenda 318**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38a. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li s-settur tal-avjazzjoni jallinja mal-għanijiet klimatiċi globali, b'mod partikolari l-mira ta' 1,5 °C stabbilita mill-Ftehim ta' Pariġi; jinsab imħasseb dwar il-progress kajman miksub mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex tindirizza l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali; jissottolinja li l-livell ta' ambizzjoni tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) tagħha mhuwiex allinjat ma' trajettorja ta' 1,5 °C; ifakkar li jekk l-ICAO ma twettaqx tnaqqis fl-emissjonijiet f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha obbligu li tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għal titjiriet lejn ajrudromi li jinsabu barra miż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-ETS;*** |

Or. en

**Emenda 319**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38a. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fit-83 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 83) tal-OMI f'April 2025, li stabbilixxa għall-ewwel darba mekkaniżmu globali tal-ipprezzar tal-karbonju għat-tbaħħir internazzjonali permezz tal-Qafas tal-OMI dwar l-Emissjonijiet Żero Netti, li jikkombina standard tal-fjuwil tal-gassijiet serra ma' mekkaniżmu ta' pprezzar u ppremjar; jesprimi dispjaċir kbir, madankollu, għall-fatt li s-sessjoni straordinarja tal-MEPC f'Ottubru 2025 naqset milli tadotta formalment il-Qafas; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jinsistu fuq l-adozzjoni tal-Qafas mingħajr dewmien ulterjuri; jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), li tapplika progressivament għat-traffiku marittimu mill-2025 'il quddiem;*** |

Or. en

**Emenda 320**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38a. Jinnota bi tħassib l-emissjonijiet għoljin u li qed jiżdiedu kontinwi assoċjati mal-avjazzjoni privata, b'mod partikolari l-ġettijiet privati, li huma fost l-aktar modi*** |

***ta' trasport intensivi fil-karbonju għal kull passiġġier-kilometru; jindika kemm huwa inġust għaċ-ċittadini li l-ġettijiet privati huma fil-biċċa l-kbira eżentati anke mill-ETS; jitlob li l-ġettijiet privati jiġu pprojbiti fil-ġuriżdizzjonijiet kollha, bl-użu tagħhom biss f'każijiet eċċezzjonali u awtorizzati mill-Istat; iwissi bil-qawwa lill-mexxejja tal-UE kontra l-użu ta' ġettijiet privati biex jivvjaġġaw lejn il-COP; jinnota li l-ġettijiet privati ammontaw għal 23 462 tluq fl-Ewropa f'April, żieda ta' 10 fil-mija minn Marzu, skont l-Indiċi tas-Sema tal-Karbonju;***

Or. en

**Emenda 321**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38b. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura l-ġustizzja soċjali tal-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni tat-trasport, inkluż billi tinkorpora l-emissjonijiet mis-superjottijiet, mill-ġettijiet privati u mill-ajruplani korporattivi fil-politiki tal-UE dwar il-klima; itenni wkoll is-sejħa tiegħu lill-Partijiet kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, biex jieħdu miżuri biex jiskoraġġixxu l-użu tal-ġettijiet privati; jenfasizza l-impatt sproporzjonat fuq il-klima tal-ġettijiet privati, li jniġġsu sa 14-il darba aktar għal kull passiġġier mit-titjiriet kummerċjali; jissottolinja l-importanza tat-tmexxija bl-eżempju u jħeġġeġ lill-parteċipanti kollha li jattendu l-COP31, inklużi dawk mill-istituzzjonijiet tal-UE, iżommu lura milli jużaw ġettijiet privati u jagħżlu l-għażla tat-trasport li l-anqas tniġġes possibbli biex jaslu fid-*** |

***destinazzjoni tagħhom[1a];***

***[1a] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2024 f'Baku, l-Ażerbajġan (COP29), (ĠU C, C/2025/808, 11.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/808/oj).***

Or. en

**Emenda 322**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38b. Ifakkar li l-impatt klimatiku mhux marbut mas-CO2 tal-attivitajiet tal-avjazzjoni huwa stmat li huwa d-doppju tal-impatt tas-CO2 waħdu; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-impatt klimatiku mhux tas-CO2 tal-attivitajiet tal-avjazzjoni fir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-ETS;*** |

Or. en

**Emenda 323**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38c. Jiddeplora bil-qawwa t-theddid u l-pressjoni eżerċitata mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti fuq delegati minn pajjiżi oħra, inklużi dawk tal-Unjoni Ewropea, fl-MEPC83, u l-posponiment tal-*** |

***adozzjoni tal-Qafas tal-OMI dwar l-Emissjonijiet Żero Netti; jappella għall-adozzjoni rapida tiegħu fl-MEPC85 mingħajr ebda bidla, filwaqt li jenfasizza li l-Qafas se jibqa' insuffiċjenti biex jallinja l-attivitajiet marittimi internazzjonali ma' trajettorja ta' 1,5 °C;***

Or. en

**Emenda 324**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38d (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38d. Jappella għall-estensjoni tal-EU ETS għal bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' bejn 400 u 5 000 biex tipprovdi inċentiv għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġà disponibbli kummerċjalment li huma xierqa għal dawn it-tipi ta' bastimenti, bħall-propulsjoni elettrika bil-batterija jew ibbażata fuq l-idroġenu, u għalhekk tappoġġja l-atturi Ewropej tat-teknoloġija nadifa li jipproduċu dawn it-teknoloġiji;*** |

Or. en

**Emenda 325**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38e (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38e. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura l-ġustizzja soċjali tal-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni tat-trasport, inkluż billi tinkorpora l-emissjonijiet mis-superjottijiet, mill-ġettijiet privati u mill-ajruplani*** |

***korporattivi fil-politiki tal-UE dwar il-klima; itenni wkoll is-sejħa tiegħu lill-Partijiet kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, biex jieħdu miżuri biex jiskoraġġixxu l-użu tal-ġettijiet privati; jenfasizza l-impatt sproporzjonat fuq il-klima tal-ġettijiet privati, li jniġġsu sa 14-il darba aktar għal kull passiġġier mit-titjiriet kummerċjali; jissottolinja l-importanza tat-tmexxija bl-eżempju u jħeġġeġ lill-parteċipanti kollha li jattendu l-COP31, inklużi dawk mill-istituzzjonijiet tal-UE, iżommu lura milli jużaw ġettijiet privati u jagħżlu l-għażla tat-trasport li l-anqas tniġġes possibbli biex jaslu fid-destinazzjoni tagħhom;***

Or. en

**Emenda 326**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38f (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38f. Jilqa' l-fatt li skont il-Bank Dinji, 28 % tal-emissjonijiet globali issa huma koperti mill-ipprezzar tal-karbonju[1a]; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li kemm il-livelli tal-kopertura kif ukoll il-livelli medji tal-ipprezzar għadhom baxxi wisq biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi; jenfasizza li l-ipprezzar tal-karbonju jżid id-dħul li għandu jintuża għall-azzjoni klimatika u għal tranżizzjoni ġusta;*** |
| | ***[1a] Il-Bank Dinji, State and Trends of Carbon Pricing 2025, il-Bank Dinji, Washington DC, Mejju 2025.*** |

Or. en

**Emenda 327**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38g (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38g. Jenfasizza l-effettività tal-EU ETS bħala miżura klimatika li twassal ukoll għas-sigurtà tal-investiment għal dawk li huma minn ta' quddiem fit-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività globali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tħeġġeġ u tappoġġja lil Partijiet oħra biex jintroduċu jew itejbu l-mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju, u tesplora rabtiet u forom oħra ta' kooperazzjoni ma' mekkaniżmi eżistenti tal-ipprezzar tal-karbonju barra mill-UE; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiżgura li kwalunkwe rabta mal-EU ETS se tkompli twassal għal kontributi ta' mitigazzjoni addizzjonali u permanenti u li ma timminax l-impenji tal-UE relatati mal-emissjonijiet domestiċi tal-gassijiet serra;*** |

Or. en

**Emenda 328**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38h (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38h. Jisħaq li l-GST jenfasizza l-importanza tat-tranżizzjoni lejn stili ta' ħajja sostenibbli u lejn xejriet sostenibbli ta' konsum u produzzjoni, inkluż permezz ta' ekonomija aktar ċirkolari; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi biex tiġi żviluppata u mtejba l-ekonomija ċirkolari tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi mira għall-2030*** |

***malajr kemm jista' jkun, wara valutazzjoni tal-impatt, għall-impronti tal-materjali u tal-konsum tal-UE, skont l-impenn tat-tmien EAP;***

Or. en

**Emenda 329**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38i (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38i. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-impatti klimatiċi u ambjentali tas-settur tat-tessuti, li huma responsabbli għal madwar 8-10 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra u għal konsum sostanzjali ta' riżorsi, b'mod partikolari tal-ilma u tal-enerġija; itenni li l-industrija tat-tessuti jeħtieġ li jkollha rwol importanti fil-bidla lejn ekonomija ċirkolari u li jeħtieġ li tindirizza l-isfidi relatati mal-prevenzjoni tal-iskart, il-ġestjoni tal-iskart, it-tixrid tal-mikroplastik, l-użu tal-ilma, il-produzzjoni żejda, il-prattiki tal-moda ultraveloċi u veloċi, id-durabbiltà ġenerali u n-nontossiċità tal-proċess tal-produzzjoni, u r-riċiklabbiltà fis-settur tat-tessuti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-emenda reċenti għad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Iskart; jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbu b'mod urġenti l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-valur tat-tessuti;*** |

Or. en

**Emenda 330**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 38j (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***38j. Jisħaq fuq l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-settur tat-turiżmu, kemm bħala kontributur kif ukoll bħala settur vulnerabbli, u l-ħtieġa li d-destinazzjonijiet jadattaw għar-riskji klimatiċi u jiżviluppaw turiżmu reżiljenti għat-tibdil fil-klima; jappella għall-promozzjoni ta' bidla lejn turiżmu aktar sostenibbli, bi prattiki ambjentalment responsabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;*** |

Or. en

**Emenda 331**
**Daniel Buda**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 39. Jissottolinja li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tista' tistimula l-innovazzjoni, trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi industrijali ġodda, toħloq impjiegi ta' valur għoli u tappoġġja t-tkabbir sostenibbli fit-tul madwar l-UE; | 39. Jissottolinja li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tista' tistimula l-innovazzjoni, trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi industrijali ġodda, toħloq impjiegi ta' valur għoli u tappoġġja t-tkabbir sostenibbli fit-tul madwar l-UE***. Jisħaq ukoll fuq il-fatt li l-ambizzjoni klimatika għandha tkun akkumpanjata minn miżuri li jappoġġjaw il-kompetittività industrijali, iċ-ċertezza tal-investiment u l-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju***; |

Or. en

**Emenda 332**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 39**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 39. Jissottolinja li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tista' tistimula l-innovazzjoni, trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi industrijali ġodda, toħloq impjiegi ta' valur għoli u tappoġġja t-tkabbir sostenibbli fit-tul madwar l-UE; | 39. Jissottolinja li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ***ċirkolari*** b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tista' tistimula l-innovazzjoni, trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi industrijali ġodda, ***tnaqqas id-dipendenzi,*** toħloq impjiegi ta' valur għoli u tappoġġja t-tkabbir sostenibbli fit-tul madwar l-UE; |

Or. en

**Emenda 333**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 39. Jissottolinja li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tista' tistimula l-innovazzjoni, trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi industrijali ġodda***, toħloq*** impjiegi ta' valur għoli ***u tappoġġja t-tkabbir sostenibbli fit-tul madwar l-UE***; | 39. Jissottolinja li t-tranżizzjoni ***prammatika u ġusta*** lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tista' tistimula l-innovazzjoni, trawwem il-ħolqien ta' ekosistemi industrijali ġodda ***u tista' tikkontribwixxi għal*** impjiegi ta' valur għoli ***fl-UE***; |

Or. en

**Emenda 334**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Oċeani u Ibħra*** |
| | ***Jirrikonoxxi li l-oċeani huma l-akbar alleat naturali tal-pjaneta fil-ġlieda*** |

***kontra t-tibdil fil-klima, u jassorbu madwar 30 % tal-emissjonijiet tal-karbonju sa mill-bidu tar-rivoluzzjoni industrijali u madwar 90 % tas-sħana żejda ġġenerata mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra; jisħaq, madankollu, li din il-kapaċità għandha limiti, u li t-tishin tal-ilmijiet, l-aċidifikazzjoni, it-telf tal-ossiġenu, it-tniġġis tal-plastik u l-qerda tal-ħabitats qed javvanzaw simultanjament, u dan jirrikjedi approċċ komprensiv li jmur ferm lil hinn mill-isforzi ta' konservazzjoni tradizzjonali;***

Or. en

**Emenda 335**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39a. Jilqa' r-rikonoxximent dejjem jikber tar-rabta bejn l-oċeani u l-klima fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima, inkluż il-progress li sar permezz tad-Djalogu tal-UNFCCC dwar l-Oċeani u t-Tibdil fil-Klima, u l-inklużjoni tal-oċeani u l-kosti bħala pilastru tematiku tal-Aġenda ta' Azzjoni tal-COP30 u l-ewwel Laqgħa Ministerjali ta' Livell Għoli dwar l-Oċeani li saret f'Belém; jitlob li dan il-momentum jitmexxa 'l quddiem u jiġi approfondit fil-COP31 f'Antalya;*** |

Or. en

**Emenda 336**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39a. Jisħaq li l-implimentazzjoni ambizzjuża tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli hija rotta ta' implimentazzjoni ewlenija għal dekarbonizzazzjoni globali ekwa; itenni t-talba tiegħu għal strateġija komprensiva tal-UE għas-snin li fadal tal-implimentazzjoni tal-SDGs biex isir sforz biex l-SDGs jintlaħqu bis-sħiħ b'azzjonijiet konkreti;*** |

Or. en

**Emenda 337**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39a. Jenfasizza l-importanza li jiġi indirizzat it-tniġġis kimiku; jappella f'dan ir-rigward għall-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jmexxu l-isforzi globali biex jiġi indirizzat it-tniġġis kimiku, inkluż it-tniġġis tal-PFAS;*** |

Or. en

**Emenda 338**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39b. Jesprimi tħassib dwar id-domanda għall-enerġija li qed tiżdied b'mod rapidu u l-emissjonijiet assoċjati ta' gassijiet serra taċ-ċentri tad-data u tal-infrastruttura diġitali, xprunati minn*** |

***diġitalizzazzjoni aċċelerata, l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtiġijiet dejjem akbar ta' ħżin u pproċessar tad-data; jisħaq fuq il-fatt li mingħajr miżuri regolatorji b'saħħithom, il-kisbiet fl-effiċjenza u l-użu tal-enerġija rinnovabbli jirriskjaw li jiġu ssuperati mit-tkabbir assolut fil-konsum tal-elettriku, kif previst f'għadd ta' Stati Membri; jitlob li l-varar ta' ċentri tad-data jkun ikkundizzjonat fuq id-disponibbiltà ta' kapaċità addizzjonali tal-elettriku rinnovabbli, limitazzjonijiet stretti fuq il-ġenerazzjoni ta' riżerva bbażata fuq il-fossili, il-prijoritizzazzjoni tal-aċċess għall-grilja għal akkomodazzjoni u servizzi soċjali ġodda, it-trasparenza tal-informazzjoni fir-rigward tal-impatt ambjentali ta' ċentri tad-data individwali, u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas biex jiġi żgurat li l-kost ambjentali sħiħ tal-infrastruttura diġitali jiġi internalizzat;***

Or. en

**Emenda 339**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39b. Jissottolinja li l-iskalar ta' soluzzjonijiet trasformattivi dwar l-oċeani u l-klima, inkluża d-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir globali u t-trasport marittimu, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-ikel blu sostenibbli, u l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-karbonju blu, jista' jipprovdi sa 35 % tat-tnaqqis tal-emissjonijiet meħtieġ biex jiġi ssodisfat il-Ftehim ta' Pariġi u t-tisħin jinżamm taħt il-1,5 °C; jesprimi dispjaċir għall-fatt li s-soluzzjonijiet klimatiċi bbażati fuq l-oċeani għadhom sottorappreżentati ħafna fil-politika u l-finanzjament globali dwar*** |

***il-klima, u jitlob li dan l-iżbilanċ jiġi indirizzat b'mod urġenti;***

Or. en

**Emenda 340**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39c. Jappoġġja l-Isfida Blue NDC u l-għan tagħha li tħeġġeġ lill-pajjiżi jintegraw soluzzjonijiet klimatiċi bbażati fuq l-oċeani fil-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali aġġornati tagħhom, u jilqa' t-tnedija tat-Taskforce ta' Implimentazzjoni Blue NDC bħala pass konkret lejn it-tisrif tal-ambizzjoni politika f'azzjoni nazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 341**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39d (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39d. Jistieden lill-Presidenza tal-COP31 tiżgura li l-oċeani jkunu inkorporati sew fil-punti rilevanti kollha tal-aġenda f'Antalya, u taħtar Promoturi tal-Oċeani biex jibnu kunsens u jgħollu s-setturi tal-oċeani fl-Aġenda ta' Azzjoni kollha;*** |

Or. en

**Emenda 342**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39e (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39e. Jisħaq fuq l-importanza li tintlaħaq il-mira globali ta' konservazzjoni 30x30, li tfittex li tqiegħed mill-anqas 30 % taż-żoni tal-art u marini tad-dinja taħt protezzjoni effettiva sal-2030, u jappella għal mekkaniżmi ta' finanzjament adegwati u prevedibbli biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari fl-aktar nazzjonijiet dipendenti fuq l-oċeani u vulnerabbli għall-klima;*** |

Or. en

**Emenda 343**
**Lídia Pereira**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39f (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39f. Jappella għal azzjoni deċiżiva biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-plastik bħala theddida interkonnessa għas-saħħa tal-oċeani u r-reżiljenza għall-klima, u jtenni l-appoġġ tiegħu għall-konklużjoni ta' ftehim globali b'saħħtu u legalment vinkolanti dwar it-tniġġis tal-plastik;*** |

Or. en

**Emenda 344**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***39a. Jissottolinja l-importanza tal-perspettivi tal-ġeneru u ta' approċċi inklużivi fil-proċess tal-UNFCCC, inkluż il-Programm ta' Ħidma għal Tranżizzjoni Ġusta; jitlob li l-Partijiet kollha, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, iżidu l-isforzi biex jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-NDCs riveduti u fil-pjanijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom u fil-politiki klimatiċi u ambjentali tagħhom, b'mod partikolari dawk relatati mal-mitigazzjoni, l-adattament u t-telf u l-ħsara;*** |

Or. en

**Emenda 345**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, li jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 346**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet***, li jaggrava*** l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza ***tagħhom***; | 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet ***fid-diversità kollha tagħhom; jissottolinja li l-inugwaljanza bejn il-ġeneri hija kawża ewlenija ta' dan l-impatt sproporzjonat peress li tillimita l-mobbiltà fiżika u ekonomika tan-nisa, kif ukoll il-parteċipazzjoni politika tagħhom; jenfasizza li fl-istess ħin l-impatti tat-tibdil fil-klima jaggravaw*** l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza ***tan-nisa***; ***jenfasizza li dan it-theddid huwa aggravat għan-nisa indiġeni, in-nisa suwed u kannella u n-nisa minn komunitajiet emarġinati minħabba l-impatti intersezzjonali tar-razziżmu, il-kolonjaliżmu u l-inugwaljanza;*** |

Or. en

**Emenda 347**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, li jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom; | 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, li jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom; ***itenni l-ħtieġa li tiġi aċċelerata l-azzjoni reattiva għal kwistjonijiet tal-ġeneru għat-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri, u għalhekk għall-implimentazzjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-Qafas ta' Sendai; jappella biex isiru aktar sforzi bl-għan li tingħata prijorità lill-ġeneru, u li dan jitqies, fit-thejjija għad-diżastri, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' settijiet ta' data diżaggregata għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;*** |

Or. en

**Emenda 348**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, li jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom; | 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, li jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom; ***jissottolinja l-importanza li jinbena għarfien ta' dan l-impatt differenzjat u li dan jiġi analizzat b'mod sistematiku;*** |

Or. en

**Emenda 349**
**Sirpa Pietikäinen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet, li jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom; | 40. Jirrikonoxxi l-impatt sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq in-nisa u l-bniet***, b'mod partikolari fuq is-saħħa u l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni***, li jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri u joħloq theddid uniku għall-għajxien, is-saħħa u s-sikurezza tagħhom; |

Or. en

**Emenda 350**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***40a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-isforzi biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III; jappella għal finanzjament iddedikat u prevedibbli għall-GAP u għal finanzjament relatat mal-klima li jkun reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru; jinnota li sehem żgħir biss tal-finanzjament globali għall-klima jimmira b'mod espliċitu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali; jappella biex jiġu allokati fondi għal inizjattivi mmexxija min-nisa;*** |

Or. en

**Emenda 351**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***40a. Itenni li l-kapaċità ta' adattament u l-vulnerabbiltà jvarjaw minn kategorija għal oħra ta' ġeneru, età, abbiltà, razza u okkupazzjonali; jistieden, għalhekk, lill-Partijiet kollha jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet vulnerabbli, jirreaġixxu għalihom, u jagħtuhom prijorità fil-pjanijiet ta' adattament nazzjonali tagħhom, fil-komunikazzjonijiet tagħhom dwar l-adattament u fl-NDCs tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 352**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***40a. Jisħaq fuq l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala tema trażversali fl-interventi klimatiċi kollha u li jiġi adottat approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-politika dwar il-klima, filwaqt li jitqies kif id-deċiżjonijiet jista' jkollhom impatt fuq in-nisa u l-irġiel, is-subien u l-bniet;*** |

Or. en

**Emenda 353**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***40b. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-pożizzjoni politika tan-nisa għall-adozzjoni ta' politiki ambizzjużi dwar il-klima; jenfasizza li perċentwal akbar ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika huwa marbut ma' emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet serra[1a], aktar politiki dwar il-protezzjoni tan-natura[1b], u impenn aktar b'saħħtu biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima[1c];*** |
| | ***[1a] Z. Lv, C. Deng, Does women's political empowerment matter for improving the environment? A heterogeneous dynamic panel analysis. Sustainable Development. 2019;27:603-612. https://doi.org/10.1002/sd.1926*** |
| | ***[1b] C. C. Nugent u J.M. Shandra (2009), "State Environmental Protection Efforts, Women's Status, and World Polity: A Cross-National Analysis", Organization*** |

***& Environment 22(2), p. 208-229.***

*[1c] A. Mavisakalyan u Y. Tarverdi (2019), "Gender and climate change: Do female parliamentarians make difference?", Ġurnal Ewropew tal-Ekonomija Politika, Volum 56, p. 151-164.*

Or. en

**Emenda 354**
**Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***40b. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa, sinifikattiva u ugwali tan-nisa u l-bniet fit-teħid tad-deċiżjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 355**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 40c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***40c. Jenfasizza r-rwol partikolari tad-difensuri ambjentali nisa fl-oppożizzjoni tal-qerda ta' ħabitats bijodiversi permezz ta' proġetti estrattivi; jinnota l-impatti speċifiċi ta' tali proġetti estrattivi fuq in-nisa u l-bniet li jinkludu esponiment akbar għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Partijiet jiċċentraw lin-nisa u lill-bniet meta jiżviluppaw politiki u proċessi dwar id-drittijiet tal-art, l-FPIC u l-parteċipazzjoni pubblika;*** |

Or. en

**Emenda 356**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 41**

| *Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 41. Jilqa’ l-pjan ta’ azzjoni ta’ Belém dwar il-ġeneru għall-2026-2034 u l-qafas il-ġdid tiegħu għal politika dwar il-klima reattiva għal kwistjonijiet ta’ ġeneru, u jistieden lill-Partijiet kollha ***jwettqu*** l-impenji li jinsabu fih; | 41. Jilqa’ l-pjan ta’ azzjoni ta’ Belém dwar il-ġeneru għall-2026-2034 u l-qafas il-ġdid tiegħu għal politika dwar il-klima reattiva għal kwistjonijiet ta’ ġeneru, u jistieden lill-Partijiet kollha ***jieħdu azzjonijiet konkreti biex iwettqu*** l-impenji li jinsabu fih; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-isforzi biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III;*** |

Or. en

**Emenda 357**
**Alexandr Vondra**
f’isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 41**

| *Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 41. ***Jilqa’*** l-pjan ta’ azzjoni ta’ Belém dwar il-ġeneru għall-2026-2034 ***u l-qafas il-ġdid tiegħu*** għal politika dwar il-klima reattiva għal kwistjonijiet ta’ ġeneru***, u jistieden lill-Partijiet kollha jwettqu l-impenji li jinsabu fih***; | 41. ***Jinnota li*** l-pjan ta’ azzjoni ta’ Belém dwar il-ġeneru għall-2026-2034 ***jistabbilixxi qafas ġdid*** għal politika dwar il-klima reattiva għal kwistjonijiet ta’ ġeneru; |

Or. en

**Emenda 358**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 41a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***41a. Itenni li l-aċċess tan-nisa għall-finanzjament inklużiv kontra t-tibdil fil-klima jrid jiżdied u jiġi ffaċilitat, filwaqt li jinnota li n-nisa jirċievu aċċess sproporzjonatament anqas għar-riżorsi finanzjarji għal proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima u ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrapportaw dwar ir-reattività għall-kwistjonijiet ta' ġeneru tal-kontributi tagħhom għall-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u jsaħħu l-konsistenza bejn l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-klima permezz ta' strumenti ta' azzjoni esterna u tal-Bank Ewropew tal-Investiment;*** |

Or. en

**Emenda 359**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 41b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***41b. Itenni l-importanza li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-kuntest tad-diplomazija dwar il-klima, inkluż fid-delegazzjonijiet tal-COP u fit-tmexxija fil-livelli kollha tal-azzjoni klimatika; jistieden lill-Partijiet kollha jimmiraw biex ikun hemm parità bejn il-ġeneri fid-delegazzjonijiet tagħhom u fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tan-negozjati dwar it-tibdil fil-klima; iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jinnominaw punt fokali nazzjonali dwar il-ġeneru u t-tibdil fil-klima u jżidu r-*** |

| | |
|---|---|
| | ***riżorsi, it-taħriġ u l-appoġġ assoċjati magħhom, inkluż fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 360**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 12**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kunflitti ta' interess, trasparenza ***u*** integrità | Kunflitti ta' interess, trasparenza***,*** integrità ***u diżinformazzjoni*** |

Or. en

**Emenda 361**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 42. Iħeġġeġ lill-UNFCCC u l-Partijiet jieħdu l-inizjattiva li jipproponu qafas ta' obbligu ta' rendikont ambizzjuż li jipproteġi l-ħidma tal-UNFCCC minn influwenza mhux xierqa, abbażi tal-mudell li jinsab fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk fir-rigward tal-industrija tat-tabakk; | 42. ***Jesprimi tħassib li aktar minn 1 600 lobbist tal-fjuwils fossili kienu parteċipanti akkreditati fil-COP29; jistieden lill-UNFCCC u lill-Partijiet jiżguraw li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikun protett minn interessi li jmorru kontra l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;*** iħeġġeġ lill-UNFCCC u l-Partijiet jieħdu l-inizjattiva li jipproponu qafas ta' obbligu ta' rendikont ambizzjuż li jipproteġi l-ħidma tal-UNFCCC minn influwenza mhux xierqa, abbażi tal-mudell li jinsab fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk fir-rigward tal-industrija tat-tabakk; ***iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jaqblu, fil-qafas ta' dan il-ftehim, dwar definizzjoni ta' "kunflitti ta' interess" għall-finijiet tat-tisħiħ tar-*** |

***rekwiżiti ta' divulgazzjoni;***

Or. en

**Emenda 362**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 42. Iħeġġeġ lill-UNFCCC u l-Partijiet jieħdu l-inizjattiva li jipproponu qafas ta' obbligu ta' rendikont ambizzjuż li jipproteġi l-ħidma tal-UNFCCC minn influwenza mhux xierqa, abbażi tal-mudell li jinsab fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk fir-rigward tal-industrija tat-tabakk; | 42. Iħeġġeġ lill-UNFCCC u l-Partijiet jieħdu l-inizjattiva li jipproponu qafas ta' obbligu ta' rendikont ambizzjuż li jipproteġi l-ħidma tal-UNFCCC minn influwenza mhux xierqa, abbażi tal-mudell li jinsab fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk fir-rigward tal-industrija tat-tabakk; ***ifaħħar il-progress li sar f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni Ewropea, li ma allokat l-ebda badge ta' aċċess lil-lobbisti tal-fjuwils fossili matul il-COP29 u l-COP30 u jitlob li dan l-isforz ikompli fil-COP31; jistieden lill-Istati Membri jsegwu dan l-eżempju u ma jinkludux lobbisti tal-fjuwils fossili jew lobbisti għall-assoċjazzjonijiet tal-industrija li jirrappreżentaw l-industrija tal-fjuwils fossili fid-delegazzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-COP31;*** |

Or. en

**Emenda 363**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 42. Iħeġġeġ lill-UNFCCC u l-Partijiet | 42. Iħeġġeġ lill-UNFCCC u l-Partijiet |

| | |
|---|---|
| jieħdu l-inizjattiva li jipproponu qafas ta' obbligu ta' rendikont ***ambizzjuż li jipproteġi l-ħidma tal-UNFCCC minn influwenza mhux xierqa, abbażi tal-mudell li jinsab fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk fir-rigward tal-industrija tat-tabakk***; | jieħdu l-inizjattiva li jipproponu qafas ***trasparenti u*** ta' obbligu ta' rendikont; |

Or. en

**Emenda 364**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis, Jeannette Baljeu**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***42a. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fit-tixrid tal-miżinformazzjoni u tad-diżinformazzjoni dwar il-klima, inkluż minn atturi statali, u jħeġġeġ lill-gvernijiet kollha jindirizzaw dan bħala kwistjoni ta' urġenza fid-dawl tat-theddida li din toħloq kemm għall-azzjoni klimatika sinifikattiva kif ukoll għad-demokrazija; jenfasizza l-importanza tal-aċċess għal informazzjoni bbażata fuq ix-xjenza u tas-salvagwardja tal-media indipendenti; jisħaq fuq l-importanza tal-ħidma mwettqa mill-IPCC biex jipprovdi pariri u data xjentifiċi sodi; jistieden lill-UNFCCC tintensifika l-isforzi fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni dwar il-klima; jistieden lill-Kummissjoni tingħaqad mal-Inizjattiva Globali għall-Integrità tal-Informazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima biex tiġġieled id-diżinformazzjoni dwar il-klima; jistieden lill-Partijiet iżidu l-finanzjament lill-IPCC u lill-UNFCCC biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni dwar il-klima;*** |

Or. en

**Emenda 365**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***42a. Jindika l-ħasil tal-immaġnijiet u l-isponsorizzazzjoni korporattiva estensivi li jseħħu bla bżonn fil-COP kull sena u jqis li dan, flimkien ma' kwistjonijiet oħra ta' kunflitt ta' interess, jipperikola l-integrità tan-negozjati tal-UNFCCC u l-perċezzjonijiet tagħha; jitlob li l-COP30 teskludi paviljuni, fora u avvenimenti sekondarji ddominati mill-kumpaniji fil-COP;*** |

Or. en

**Emenda 366**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***42a. Jilqa' l-fatt li l-parteċipanti kollha mhux governattivi kienu għall-ewwel darba fil-COP30 mistennija jiżvelaw pubblikament min qed jiffinanzja l-parteċipazzjoni tagħhom u jikkonfermaw li l-objettivi individwali tagħhom huma allinjati ma' dawk tal-UNFCCC; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li dan ir-rekwiżit ma kienx japplika għal parteċipanti mhux governattivi li rċevew badges tal-gvern;*** |

Or. en

**Emenda 367**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***42b. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ma pprovdietx akkreditament għal-lobbisti tal-fjuwils fossili biex jattendu l-COP30 u jitlob li din il-prattika titkompla; jesprimi dispjaċir għall-fatt li 80 lobbist tal-fjuwils fossili ġew akkreditati mill-Istati Membri tal-UE fil-COP30 u jitlob li l-Istati Membri kollha joqogħdu lura milli jipprovdu akkreditament lil kwalunkwe lobbist tal-fjuwils fossili biex jattendi l-COP31 jew kwalunkwe COP futura;*** |

Or. en

**Emenda 368**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 43. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC; | 43. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC ***fl-ispirtu ta' kollaborazzjoni leali, u jirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-ispazju għas-soċjetà ċivili u l-atturi fil-livell lokali u dak reġjonali biex joperaw u jipparteċipaw fil-governanza klimatika hija fundamentali għall-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza***; ***jirrikonoxxi li hemm ħafna ostakli għall-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-COPs; jisħaq li s-soċjetà ċivili u l-atturi fil-livell lokali u reġjonali għandhom rwol vitali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-NDCs billi jiżguraw li l-azzjonijiet ikunu effettivi, imfassla apposta lokalment u reattivi għall-ħtiġijiet tal-komunità;*** |

Or. en

**Emenda 369**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 43. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC; | 43. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC***, u l-importanza ta' parteċipazzjoni sinifikattiva tal-popli indiġeni, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażagħ, il-migranti, il-persuni spostati, u s-sħab soċjali**; ***jistieden lill-awtoritajiet Torok jiggarantixxu d-dritt għal għaqda libera u paċifika matul il-konferenza dwar il-klima;*** |

Or. en

**Emenda 370**
**Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 43. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC; | 43. Ifakkar fl-importanza tal-involviment sħiħ tal-Partijiet ***u l-partijiet ikkonċernati*** kollha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UNFCCC; |

Or. en

**Emenda 371**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 43a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43a. Jistieden lill-Presidenza tal-COP31 u lill-Presidenzi futuri jippermettu aħjar il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tad-delegati mill-pajjiżi l-anqas żviluppati u jallokaw riżorsi addizzjonali għal dan l-għan; iħeġġeġ lill-Partijiet jinkludu liż-żgħażagħ fid-delegazzjonijiet tagħhom biex jiżguraw li l-ġenerazzjonijiet futuri jkollhom rwol attiv fit-tiswir tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-futur tagħhom; jilqa' l-ħolqien tar-rwol taż-Żgħażagħ Promoturi tal-Klima fil-COP28 bħala pass lejn inklużjoni aktar b'saħħitha taż-żgħażagħ fil-proċess tal-UNFCCC; jappella biex il-COP31 tistituzzjonalizza l-parteċipazzjoni sinifikattiva tat-tfal u taż-żgħażagħ, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' djalogu strutturat u rappreżentanza uffiċjali; jappella biex jiżdied l-użu ta' pjattaformi virtwali fil-COPs biex jissaħħu l-inklużività globali u l-parteċipazzjoni tad-delegati u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;*** |

Or. en

**Emenda 372**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43a. Jesprimi tħassib dwar kif l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) ġew ittrattati f'COPs preċedenti; iqis li huwa essenzjali li jiġu ggarantiti l-ispazju u l-aċċess għas-soċjetà ċivili għall-funzjonament tajjeb tal-proċess tal-UNFCCC u li jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont; jirrikonoxxi li*** |

***hemm ħafna ostakli għall-parteċipazzjoni tal-OSĊ fil-COP, inklużi akkreditament limitat u kostijiet ta' akkomodazzjoni eżorbitanti;***

Or. en

**Emenda 373**
**Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Jorge Buxadé Villalba**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43a (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43a. Ifakkar li l-COP31 trid tiġi kkaratterizzata mit-trasparenza, l-inklużjoni u l-prevedibbiltà; jiddeplora l-esklużjoni ta' Ċipru mit-Turkija minn laqgħa ta' tħejjija li saret f'Marzu li għadda fi New York;*** |

Or. fr

**Emenda 374**
**Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43b. Jeżiġi, bħal f'COPs preċedenti, li l-organizzaturi tal-COPs kollha futuri jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-parteċipazzjoni sħiħa u mingħajr restrizzjonijiet għaċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-aċċess ekwu għal din il-COP u għal dawk futuri jkunu minquxa u ggarantiti bis-sħiħ fil-Ftehimiet kollha tal-Pajjiż Ospitanti, u jappella biex dawn il-ftehimiet isiru pubbliċi mill-aktar fis possibbli wara l-iffirmar; itenni l-appell*** |

***tiegħu lis-Segretarjat tal-UNFCCC biex jiżviluppa kriterji tad-drittijiet tal-bniedem li l-pajjiżi li jospitaw COPs futuri jridu jimpenjaw ruħhom li jissodisfaw bħala parti mill-ftehim ospitanti, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu rwol ta' tmexxija f'dan il-proċess[1a];***

---

***[1a] 21 ta' Novembru 2023, Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2023 f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda (COP28)***

Or. en

**Emenda 375**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43b (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43b. Jeżiġi li l-organizzaturi tal-COPs jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' espressjoni, il-parteċipazzjoni sħiħa u mingħajr restrizzjonijiet għaċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u l-aċċess ekwu għal din il-COP u għal dawk futuri jkunu minquxa u ggarantiti bis-sħiħ fil-Ftehim tal-Pajjiż Ospitanti, li għandu jsir pubbliku mill-aktar fis possibbli wara l-iffirmar; jistieden lis-segretarjat tal-UNFCCC jimmonitorja l-konformità u jieħu azzjoni f'każ ta' ksur ta' tali kriterji tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 376**
**Pär Holmgren**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43c (ġdid)**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43c. Jemmen li l-għażla tal-belt ospitanti għal kwalunkwe laqgħa futura tal-COP għandha tqis sett ta' kundizzjonijiet predefiniti inklużi l-kapaċità loġistika u organizzattiva, is-sikurezza u s-sigurtà kif ukoll l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-organizzazzjoni tal-avveniment; jisħaq fuq l-importanza tal-organizzazzjoni sostenibbli tal-COP31;*** |

Or. en

**Emenda 377**
**Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 44**

| *Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 44. Jemmen li l-Parlament għandu jkun parti integrali mid-delegazzjoni tal-UE fil-COP31***, peress li jeħtieġlu jagħti l-kunsens tiegħu għal ftehimiet internazzjonali u għandu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni domestika tal-Ftehim ta' Pariġi bħala wieħed mill-koleġiżlaturi tal-UE***; jistenna, għalhekk, li jitħalla jattendi l-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-UE matul il-COP31 f'Antalya u li jiġi ggarantit aċċess għad-dokumenti preparatorji kollha fi żmien xieraq; jimpenja ruħu li jaġixxi b'mod indipendenti u ħieles minn kunflitti ta' interess; | 44. Jemmen li l-Parlament għandu jkun parti integrali mid-delegazzjoni tal-UE fil-COP31; jistenna, għalhekk, li jitħalla jattendi l-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-UE matul il-COP31 f'Antalya u li jiġi ggarantit aċċess għad-dokumenti preparatorji kollha fi żmien xieraq; jimpenja ruħu li jaġixxi b'mod indipendenti u ħieles minn kunflitti ta' interess; |

Or. en